IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2014
COM(2014) 907 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ABBOZZI TA' PJANIJIET BAĠITARJI TAL-2015: VALUTAZZJONI ĠENERALI

Sommarju Eżekuttiv

Din il-Komunikazzjoni tiġbor fil-qosor il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Abbozzi ta' Pjanijiet baġitarji (APB) tal-2015 sottomessi fil-15 ta' Ottubru mis-16-il Stat Membru taż-Żona tal-Euro li mhumiex fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku (ŻE-16). F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 473/2013, il-Kummissjoni evalwat dawn il-pjanijiet u s-sitwazzjoni baġitarja ġenerali u l-qagħda fiskali fiż-Żona tal-Euro kollha kemm hi, fi żmien meta għaddejjin ukoll riformi strutturali ewlenin.

L-evalwazzjoni globali tal-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) tal-2015 u l-pożizzjoni fiskali aggregata tista' titqassar kif ġej:

1. Il-pjanijiet tal-Istati Membri jimplikaw tnaqqis kontinwu fid-defiċit tal-baġit nominali aggregat fiż-Żona tal-Euro: wara li reġa' lura għal taħt it-3 % tal-PDG fl-2013 għall-ewwel darba mill-2008 'l hawn, id-defiċit huwa mistenni li jonqos aktar għal 2,6 % tal-PDG fl-2014 u 2,2 % tal-PDG fl-2015. Abbażi tal-APB, il-proporzjon tad-dejn aggregat fl-2015 huwa ppjanat li jibqa' prattikament l-istess mill-valur stmat għas-sena kurrenti għal madwar 92,5 % tal-PDG.

2. Meta mqabbel mal-pjanijiet fuq terminu medju fformulati fil-Programmi ta' Stabbiltà tar-rebbiegħa tal-2014, it-tnaqqis tad-defiċit ippjanat huwa inqas b'mod sinifikanti. Dan jirrifletti prospettiva ta' tkabbir iktar baxxa kif ukoll sforz fiskali mnaqqas. Wara waqfa fl-2014, il-konsolidazzjoni fiskali mhix ippjanata li terġa' tibda fl-2015, skont l-aggregat ta' Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji taż-ŻE-16.

3. Ir-riżultati mill-APB huma ġeneralment konfermati mill-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa tal-2014. Għalkemm bdiet minn stima tad-defiċit nominali identika għall-2014 (2,6 % tal-PDG), il-Kummissjoni tipprevedi inqas tnaqqis fid-defiċits nominali mill-Istati Membri fl-2015 (b'0,2 ta' punt perċentwali biss minflok 0,4). Dan jirrifletti sforz fiskali mistenni iżgħar fl-2015. Defiċits ogħla u inqas tkabbir ifissru proporzjon ta' dejn mal-PDG aggregat li l-Kummissjoni tipproġetta li se jiżdied minn 91,7 % tal-PDG fl-2013 għal 93,1 % fl-2014 u 93,6 % fl-2015, kontra l-istabbilizzazzjoni prevista fl-APB.

4. Il-previżjoni tal-Kummissjoni tindika wkoll pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali (la ssikkar u lanqas illaxkar) fl-2015 fiż-Żona tal-Euro, wara waqfa fil-konsolidazzjoni fl-2014. Dan jidher li joħloq bilanċ xieraq bejn ir-rekwiżiti fiskali ta' sostenibbiltà, enfasizzati mill-proporzjonijiet għolja u dejjem jikbru ta' dejn tal-gvern, u tħassib dwar l-istabbilizzazzjoni ċiklika, enfasizzat mil-lakuni sinifikanti u persistenti negattivi fil-produzzjoni li huma proġettati li jonqsu biss bil-mod fis-snin li ġejjin. Fl-istess ħin, il-valutazzjoni tal-pjanijiet tikkonferma li diversi Stati Membri bħalissa mhumiex mistennija li jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST).

5. Hemm bżonn li jiġu sorveljati mill-qrib kemm il-qagħda fiskali ġenerali taż-Żona tal-Euro kif ukoll id-distribuzzjoni tagħha madwar l-Istati Membri fir-rigward tal-ispazju disponibbli taħt il-PST. B'mod partikolari, iż-żamma ta' qagħda fiskali aggregata newtrali, filwaqt li xi Stati Membri huma msejħa biex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jikkonformaw mal-PST timplika ċertu livell ta' appoġġ fiskali li jkun ġej mill-isfruttament tal-ispazju fiskali disponibbli x'imkien ieħor. Dan jenfasizza wkoll il-każ għall-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa ambizzjuż ippreżentat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Novembru.

6. Din it-triq għall-appoġġ tat-tkabbir taż-Żona tal-Euro hija rilevanti meta wieħed jeżamina l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi. Filwaqt li ċ-ċaqliq riċenti biex jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol sejjer fid-direzzjoni t-tajba, il-kompożizzjoni tan-nefqa turi ftit jew xejn progress lejn it-tkabbir. Dan jenfasizza l-ħtieġa ta' allinjament aħjar tal-politiki tal-Istati Membri mal-prijoritajiet tal-Pakkett tal-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investiment ippreżentat mill-Kummissjoni.

7. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Istati Membri individwali jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

   L-ebda APB għall-2015 ma nstab f'nuqqas partikolarment serju ta' konformità mar-rekwiżiti tal-PST. F'diversi każijiet, madankollu, il-Kummissjoni ssib li l-aġġustamenti fiskali ppjanati ma jissodisfawx, jew jirriskjaw li ma jissodisfawx, dak li hu meħtieġ mill-PST. Speċifikament:

   Għal ħames pajjiżi (il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, l-Olanda u s-Slovakkja), l-APB jinstabu li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST.

   Għal erba' pajjiżi (l-Estonja, il-Latvja, is-Slovenja u l-Finlandja), l-APB jinstabu li jkunu ġeneralment konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. Għall-Estonja, il-Latvja u l-Finlandja, il-pjanijiet jistgħu jirriżultaw f'xi devjazzjoni mill-mogħdijiet ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' kull pajjiż ta' terminu medju (OTM). Fil-każ tas-Slovenja, filwaqt li d-defiċit nominali jista' jitniżżel taħt it-3% tal-PDG sal-iskadenza ffissata bil-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv, nuqqas fl-isforz fiskali jpoġġi f'riskju l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv b'mod f'waqtu u sostenibbli. Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-proċess baġitarju nazzjonali sabiex jiżguraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST.

   Għal seba' pajjiżi (il-Belġju, Spanja, Franza, l-Italja, Malta, l-Awstrija u l-Portugall), l-APB joħolqu riskju ta' nuqqas ta' konformità. Għall-Awstrija, il-pjanijiet jistgħu jirriżultaw f'devjazzjoni sinifikanti mill-mogħdijiet ta' aġġustament lejn l-OTM, li jkunu wkoll il-każ għal Malta jekk trasferita għall-parti preventiva. L-APB ta' Spanja, Franza, Malta u l-Portugall fihom riskji rigward il-konformità mar-rekwiżiti proċedura ta' żbilanċ. Għal Franza, b'mod partikolari, l-informazzjoni disponibbli tindika li l-pajjiż ma ħax azzjoni effettiva fl-2014 f'dan l-istadju u huwa f'riskju ta' nuqqas ta' konformità fl-2015. Il-Belġju u l-Italja, bħalissa taħt il-parti preventiva tal-PST, huma f'riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regola tad-dejn. Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-proċess baġitarju nazzjonali biex jiżguraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST.

8. F'xi każijiet, ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità għandu implikazzjonijiet għall-passi possibbli bil-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv. Fil-każijiet ta' Franza, l-Italja u l-Belġju, il-Kummissjoni se teżamina kmieni f'Marzu 2015 il-pożizzjoni tagħha vis-à-vis l-obbligi tagħhom taħt il-PST fid-dawl tal-finalizzazzjoni tal-liġijiet tal-baġit u l-ispeċifikazzjoni mistennija tal-programmi ta' riforma strutturali mħabbra mill-awtoritajiet fl-ittri tagħhom tal-21 ta' Novembru. Dawn it-tliet Stati Membri kkommettew fl-ogħla livell tal-gvern li jadottaw u jimplimentaw riformi strutturali sa kmieni fl-2015 li huma mistennija li jkollhom impatt fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fuq terminu medju li jtejbu t-tkabbir.

Werrej

1. Introduzzjoni 5

2. Sejbiet ewlenin għaż-Żona tal-Euro 6

3. Ħarsa ġenerali lejn l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji individwali 12

ANNESS 1: Valutazzjoni tal-APB speċifika għall-pajjiżi 18

ANNESS 2: Il-metodoliġija u s-suppożizzjonijiet sottostanti l-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2014 23

ANNESS 3: Analiżi tas-sensittività 25

ANNESS 4: L-implimentazzjoni ta' riformi strutturali: l-indirizzar tal-iżbilanċi makroekonomiċi u t-tnaqqis tal-porzjon ta' taxxa 28

ANNESS 5: Grafiki u tabelli 31

1. Introduzzjoni

Biex titjieb il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-leġiżlazzjoni tal-UE tipprevedi li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jissottomettu Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) għas-sena ta' wara lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ottubru[1]. Dawn il-pjanijiet jiġbru fil-qosor il-kontenut tal-abbozzi baġitarji li l-gvernijiet ikunu ssottomettew lill-parlamenti nazzjonali. Il-Kummissjoni tipprovdi Opinjoni fuq kull pjan u tivvaluta jekk huwiex konsistenti mal-obbligi tal-pajjiż taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST). Tipprovdi wkoll valutazzjoni kumplessiva tas-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-Żona tal-Euro fis-sħuħija tagħha.

Sittax-il[2] Stat Membru taż-Żona tal-Euro bagħtu l-APB tal-2015 tagħhom lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ottubru, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-hekk imsejjaħ Two-Pack. Il-Belġju u l-Latvja, fil-bidu ressqu APB fuq bażi tal-ebda bidla fil-politika, li jirrifletti l-assenza ta' ftehim dwar il-politika baġitarja tal-gvern li jirriżulta mill-elezzjonijiet nazzjonali reċenti, u Belġju ssottometta programm sħiħ ġimgħa wara[3].

Filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija baġitarja tal-Istati Membri, l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni jipprovdu parir politiku indipendenti, b'mod partikolari għall-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali, biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-konformità tal-abbozzi baġitarji mar-regoli fiskali tal-UE. It-Two-Pack li jsaħħu jipprovdi għodda komprensiva biex tiġi indirizzata l-politika ekonomika u baġitarja bħala kwistjoni ta' interess komuni kif maħsub fit-Trattat.

Barra minn hekk, f'Lulju 2014, il-Kunsill stieden lill-Grupp tal-Euro biex jimmonitorja u jikkoordina l-politika fiskali tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-qagħda fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro biex tiġi żgurata politika fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir.[4] Il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, individwalment u kollettivament, fl-2014-15 biex "jikkoordinaw il-politiki fiskali tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-valutazzjoni tal-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji biex tiġi żgurata qagħda fiskali koerenti u li tiffavorixxi t-tkabbir madwar iż-Żona tal-Euro. Itejbu l-kwalità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi billi jagħtu prijorità lill-investiment materjali u immaterjali fil-livelli nazzjonali u tal-UE. Jiżguraw li l-oqfsa fiskali nazzjonali, inklużi l-kunsilli fiskali nazzjonali, ikunu b'saħħithom." Din ir-rakkomandazzjoni hija ankra għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni jinqasam fi tnejn. L-ewwel nett, din tagħti stampa globali tal-politika baġitarja fil-livell taż-Żona tal-Euro, filwaqt li tibni fuq valutazzjoni orizzontali tal-APB. Dan l-eżerċizzju jirrifletti l-valutazzjoni orizzontali tal-Programmi ta' Stabilità li jseħħu fir-rebbiegħa, iżda b'enfasi fuq is-sena li jmiss, pjuttost milli fuq il-pjanijiet fiskali ta' terminu medju. It-tieni nett, hija

---

1 Kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 473/2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-Żona tal-Euro. Dan huwa wieħed miż-żewġ Regolamenti fl-hekk imsejjeħ Two-Pack li daħal fis-seħħ f'Mejju 2013.

2 Il-Ġreċja u Ċipru, il-pajjiżi taż-Żona tal-Euro li fadal taħt programm ta' aġġustament makroekonomiku mhumiex obbligati jissottomettu pjan, peress li l-programm diġà jipprovdi għal monitoraġġ fiskali mill-qrib.

3 Il-Latvja hija mistiedna tissottometti pjan aġġornat fil-ħin biex tippermetti li l-Kummissjoni tadotta Opinjoni infurmata dwar l-APB u l-Grupp tal-Euro jkollu diskussjoni xierqa qabel ma tiġi ppjanata l-liġi tal-baġit, li għandha tiġi adottata mill-parlament nazzjonali.

4 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri li għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom (ĠU C 247, 29,7,2014, p. 143).

tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-APB fil-livell tal-pajjiż, tispjega l-approċċ tal-Kummissjoni fil-valutazzjoni tagħhom. Dan l-approċċ fl-aħħar mill-aħħar jivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti tal-PST.

2. Sejbiet ewlenin għaż-Żona tal-Euro

Konklużjonijiet ġenerali

l-APB ta' din is-sena jikkonfermaw it-**tnaqqis fit-tkabbir tal-PDG** meta mqabbla mal-previżjoni tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2014, ippubblikata f'Mejju. Skont is-suppożizzjonijet makroekonomiċi pprovduti fil-pjanijiet, il-PDG issa huwa previst li jikber b'1,0 % fl-2014 fis-16-il Stat Membru taż-Żona tal-Euro kkonċernati (ŻE-16), taħt il-1,3 % mistenni fiż-żmien tal-Programmi ta' Stabbiltà (PS) f'April 2014 (it-Tabella 1). Għall-2015, l-irkupru previst fit-tkabbir tal-PDG taż-ŻE-16 għal 1,5% huwa taħt il-1,7% imbassar fil-PS. Ir-reviżjoni 'l isfel hija relattivament ferm mifruxa, u biss Spanja, l-Irlanda, Malta u s-Slovenja rrappurtaw reviżjonijiet 'il fuq fit-tbassir ta' tkabbir tagħhom, filwaqt li l-maġġoranza tal-pajjiżi oħra wrew tnaqqis sinifikanti.

Il-**previżjoni dwar l-inflazzjoni** ġiet ukoll riveduta 'l isfel minħabba t-traħħis fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel iżda wkoll minħabba t-tnaqqis sostanzjali fl-attività ekonomika. Skont l-APB, ir-rata tal-inflazzjoni ta' din is-sena ta' 0,8 % fiż-ŻE-16 se timmarka l-iktar punt baxx, segwita b'rata kemxejn ogħla fl-2015 (1,2 %).

Wara li reġa' lura għal taħt it-3 % tal-PDG fl-2013 għall-ewwel darba mill-2008 'l hawn, **id-defiċit tal-baġit nominali aggregat** għaż-ŻE-16 huwa mistenni li jonqos għal 2,6 % tal-PDG fl-2014, skont l-APB, għalkemm dan huwa ogħla mid-defiċit ta' 2,4 % imbassar fil-PS. Tnaqqis fit-tnaqqis tad-defiċit huwa evidenti wkoll fl-2015, bid-defiċit nominali aggregat jonqos b'0,4 ta' punt perċentwali għal 2,2 % tal-PDG, imqabbel ma' tnaqqis ta' 0,6 ta' punt perċentwali mbassar fir-rebbiegħa. Din il-previżjoni ta' defiċit ogħla hija marbuta mal-prospett ta' tkabbir li sejjer għall-agħar għall-2014-15, iżda hija mmexxija wkoll mit-tnaqqis fl-isforz fiskali (ara hawn).

Bi 92,5 % tal-PDG fl-2015, il-**proporzjon tad-dejn aggregat** huwa ppjanat li prattikament ma jinbidilx minn din is-sena. Dan jikkuntrasta mal-PS li kienu bassru li d-dejn se jibda jonqos is-sena d-dieħla. Il-proporzjon aggregat jaħbi firxa sħiħa ta' ċifri nazzjonali, minn 133 % tal-PDG fl-Italja għal ftit inqas minn 10 % tal-PDG fl-Estonja. F'termini ta' livelli, ir-reviżjonijiet 'l isfel għal proporzjonijiet tad-dejn mill-PS jirriflettu l-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida tal-ESA 2010 tal-kontijiet nazzjonali, li jikkumpensa sew il-prospett tat-tkabbir u tal-inflazzjoni li sejjer għall-agħar u l-isforz ta' konsolidazzjoni mnaqqas.

Jekk wieħed jeżamina l-**isforz fiskali ppjanat** f'aktar dettall, l-APB, ma jipprovdux evidenza ta' konsolidazzjoni fil-livell aggregat, kif imkejla minn bidla pożittiva fil-bilanċ strutturali, fl-2014 u fl-2015. Għal dawn is-sentejn, titjib ta' 0,3 % tal-PDG kien mistenni mill-Istati Membri fil-PS tagħhom. Fid-dawl li sitta mill-Istati Membri taż-ŻE-16 għadhom fi Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv fl-2014[5] u li tnejn biss mill-Istati Membri fil-fergħa preventiva huma mistennija li jkunu laħqu jew qabżu l-OTM tagħhom fl-2014-15, dan jidher li juri nuqqas ta' konformità rigward ir-rekwiżiti tal-PST. Madankollu, l-aġġustament strutturali aggregat jista' jitqies biss bħala spjegazzjoni f'dan ir-rigward, peress li jonqos milli jirrifletti differenzi importanti bejn l-Istati Membri rigward ir-rekwiżiti tal-PST,

[5] Franza, l-Irlanda, Malta, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja.

li huma s-suġġett tal-valutazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, kull konklużjoni dwar tal-isforz ġenerali għall-konsolidazzjoni bbażata fuq il-bidla fil-bilanċ strutturali għandha tiġi kwalifikata, billi l-bilanċ strutturali jista' mhux dejjem jagħti stampa preċiża fl-isforz fiskali sottostanti minħabba, pereżempju, reazzjoni inużwali mid-dħul għat-tkabbir ekonomiku. Madankollu, in-nuqqas ta' konsolidazzjoni fiskali fil-livell aggregat huwa kkonfermat bl-użu ta' kejl alternattiv tal-isforz fiskali, li jissuġġerixxi aġġustament ta' biss 0,2 % tal-PDG kemm fl-2014 kif ukoll fl-2015[6].

Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn l-aggregati ekonomiċi u bagitarji (ŻE-16) għall-2014-15

	2014			2015		
	Programmi ta' Stabbilità tal-2014 (April)	**Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (Ottubru)**	**Previżjoni tal-Kummissjoni għall-ħarifa 2014 (Novembru)**	**Programmi ta' Stabbilità tal-2014 (April)**	**Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (Ottubru)**	**Previżjoni tal-Kummissjoni għall-ħarifa 2014 (Novembru)**
Tkabbir reali tal-PDG (bidla fil-%)	1,3	1,0	0,8	1,7	1,5	1,1
Inflazzjoni tal-HICP (bidla %)	1,1	0,8	0,6	1,4	1,2	0,9
Defiċit nominali (% tal-PDG)	-2,4	-2,6	-2,6	-1,8	-2,2	-2,4
Tibdil fil-bilanċ strutturali (p.p. PDG)	0,3	0,0	0,1	0,3	0,1	0,0
Dejn (% tal-PDG)	94,3	92,7	93,1	93,1	92,5	93,6
Il-proporzjon tan-nefqa aġġustat ċiklikament (% tal-PDG potenzjali)	47,8	47,9	48,0	47,5	47,7	48,0
Proporzjon ta' dħul aġġustat ċiklikament (% tal-PDG potenzjali)	46,9	46,7	46,8	46,7	46,5	46,8

Il-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi

[6] Miżura alternattiva tal-isforz fiskali fl-APB tista' tinkiseb billi jiġi kkunsidrat l-ammont ta' miżuri ta' dħul diskrezzjonali mingħajr il-bidla fil-proporzjon tan-nefqa aġġustat ċiklikament (it-Tabella A5,7). Dan jissuġġerixxi aġġustament fiskali ta' 0,2 % tal-PDG kemm fl-2014 kif ukoll fl-2015 għaż-ŻE-16. Filwaqt li dawn l-istimi huma kemmxejn ogħla mill-bidliet fil-bilanċ strutturali (0,0 % u 0,1 % tal-PDG, rispettivament, fis-sentejn), ir-reviżjonijiet 'l isfel meta mqabbla mar-rebbiegħa huma tal-istess daqs għaż-żewġ miżuri ta' sforz. Dan jikkonferma li l-isforz fiskali aggregat derivat mill-APB huwa iżgħar minn dak li kien proġettat fil-PS fir-rebbiegħa.

Għaż-Żona tal-Euro kollha kemm hi, l-APB jipprevedu biss bidliet limitati fil-**kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi** fl-2014-15 (it-Tabella A5.5). Il-proporzjon tan-nefqa aġġustat ċiklikament huwa mistenni li jonqos ftit ħafna fl-2015 (minn 0,2 ta' punt perċentwali), li jikkumpensa għall-effetti ta' żieda limitata b'mod simili fl-2014[7]. Il maġġoranza tal-kategoriji ta' nfiq huma mistennija li jaqgħu, inklużi l-kont tal-pagi tas-settur pubbliku u n-nefqiet tal-interessi b'mod partikolari (il-Grafika A5.2), bl-eċċezzjoni ta' trasferimenti soċjali.

Il-miżuri tat-tassazzjoni ppreżentati fl-APB, għalkemm mixjin f'direzzjoni aktar favur it-tkabbir, ikunu jaffettwaw biss moderatament il-**kompożizzjoni tat-taxxa** fl-2015. L-impatt ta' tnaqqis ta' 0,1 punt perċentwali fil-dħul mill-kontribuzzjonijiet soċjali huwa kkumpensat minn żieda ta' 0,1 punt perċentwali fid-dħul fiskali dirett (il-Grafika A5.3). Is-sehem ta' taxxi indiretti huwa mistenni li jibqa' stabbli f'relazzjoni mal-PDG.

Ħafna APB jirreferu għal miżuri biex jiġi indirizzat il-**piż tat-taxxa fuq ix-xogħol** magħruf bħala l-porzjon ta' taxxa. Id-dokumenti ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaw l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-APB fihom kaxxa apposta dwar "l-indirizzar tal-porzjon tat-taxxa" għal dawk l-Istati Membri li ngħataw rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż (country-specific recommendation, CSR) f'dan il-qasam[8] u / jew li ħabbru riforma rilevanti fl-APB tagħhom. L-Anness IV ta' din il-Komunikazzjoni fih aktar informazzjoni dwar din il-kwistjoni.

B'mod ġenerali, l-APB juru għarfien ċar fl-Istati Membri taż-Żona tal-Euro tal-benefiċċji tal-indirizzar tat-taxxi għolja fuq ix-xogħol. L-ewwel nett, billi l-porzjon ta' taxxa żdied b'mod stabbli fil-maġġoranza tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro matul l-aħħar ftit snin, l-APB jinkludu biss ftit miżuri li kieku jżiduh aktar. Min-naħa l-oħra, ħafna Stati Membri qed jippjanaw jew jimplimentaw miżuri biex jitnaqqas il-porzjon tat-taxxa. It-tieni nett, miżuri li jbaxxu l-porzjon ta' taxxa mhumiex previsti biss mill-Istati Membri b'porzjon ta' taxxa relattivament għoli iżda wkoll minn dawk b'porzjon ta' taxxa relattivament baxx. It-tielet nett, bosta miżuri huma mmirati għal kategoriji ta' introjtu aktar baxx, billi jżidu l-kwota bla ħlas tat-taxxa jew billi jnaqqsu t-taxxi f'livelli baxxi ta' introjtu jew kontribuzzjonijiet soċjali għal dawk li jaqilgħu paga baxxa. Madankollu, il-parti l-kbira tar-riformi fil-porzjon ta' taxxa jibqgħu relattivament modesti meta mqabbla mal-isfidi. Dan jirrifletti kemm nuqqas ta' spazju fiskali f'ħafna pajjiżi u d-diffikultà li jinsabu miżuri li jikkompensaw, kemm permezz tal-qtugħ tan-nefqa pubblika jew billi jogħlew it-taxxi li huma inqas ta' detriment għat-tkabbir, bħat-taxxi fuq il-konsum, il-proprjetà jew dawk ambjentali.

Differenzi fil-previżjonijiet

L-innovazzjoni tat-Two-Pack hija maħsuba biex ittaffi l-potenzjal għad-diverġenza bejn il-previżjonijiet tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, jiġifieri l-introduzzjoni ta' rekwiżit għal iktar sorveljanza tal-proċess tal-previżjoni mill-kunsilli fiskali. Il-Kaxxa 1 fil-paġna 9 turi kif l-Istati Membri applikaw ir-rekwiżit li l-abbozzi baġitarji jkunu bbażati fuq **previżjonijiet makroekonomiċi indipendenti**.

F'termini tal-**prospettiva fiskali globali**, id-defiċit nominali aggregat taż-ŻE-16 li joħroġ mill-APB għall-2015 huwa ta' 0,2 ta' punt perċentwali tal-PDG aktar baxx milli fil-previżjoni tal-Kummissjoni.

[7] Il-proporzjon li mhux aġġustat ċiklikament jaqa' b'mod aktar sinifikanti fl-2015, b'madwar 0,6 ta' punt perċentwali, minħabba l-"effetti ta' denominatur" pożittivi marbuta ma' lakuna fil-produzzjoni li qed tiċkien.

[8] ĠU C 247, 29.7.2014, pp. 1-140.

L-ewwel nett, l-APB jassumu sforz fiskali akbar (0,2 % tal-PDG kontra -0,1 % tal-PDG fil-previżjoni tal-Kummissjoni kif imkejjel bl-użu tal-indikatur alternattiv imsemmi hawn fuq; ara t-Tabella A5.7). It-tieni nett, il-pjanijiet ibassru tkabbir tal-PDG ogħla għall-2015 (1,5 % kontra 1,1 % fil-previżjoni tal-Kummissjoni, bil-Ġermanja li tammonta għal parti sinifikanti tad-differenza[9]). Madankollu, is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi mhumiex l-ispjegazzjoni prinċipali għad-differenza fil-previżjonijiet tad-defiċit għall-2015. Dan huwa għaliex l-Istati Membri fl-aggregat, filwaqt li għandhom projezzjoni ogħla tat-tkabbir tal-PDG, ibassru wkoll reazzjoni aktar baxxa tad-dħul għal tkabbir milli fil-previżjoni tal-Kummissjoni[10]. Din l-elastiċità baxxa pproġettata tikkumpensa b'mod ġenerali għall-impatt tat-tkabbir ogħla fil-PDG mistenni. Ħafna mid-differenza bejn il-previżjoni tad-defiċit tal-Kummissjoni u l-APB attwalment ġejja minn valutazzjoni differenti tal-isforz fuq in-naħa tan-nefqa.

Id-differenzi bejn l-APB individwali u l-previżjoni tal-Kummissjoni tad-defiċit nominali jistgħu jkunu relattivament kbar, għal raġunijiet li jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. Il-Kummissjoni tbassar li d-defiċit ikun ogħla fil-Belġju, Spanja, Malta, il-Portugall u s-Slovakkja meta mqabbla mal-APB rispettivi, bl-akbar differenzjali fil-każ ta' Malta (it-Tabella A5.1 u l-Grafika A5.4). Id-differenzjali mbassra li fadal kollha jinsabu f'firxa ta' 0,2 ta' punt perċentwali u l-previżjoni tal-Kummissjoni hija għal numru tad-defiċit iktar baxx fil-Pajjiżi l-Baxxi u l-Awstrija.

B'mod simili għall-previżjonijiet tad-defiċit nominali aggregat, il-Kummissjoni tbassar **dejn aggregat** ogħla minn dak imbassar mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tbassar li d-dejn se jkompli jiżdied b'mod moderat fl-2015, għal aktar minn 93 % tal-PDG, meta mqabbel prattikament mal-istess livell fl-APB. Ir-raġunijiet ewlenin li jsostnu din id-differenza huma defiċits nominali ogħla u tkabbir tal-PDG nominali aktar baxx previst mill-Kummissjoni. Hawnhekk ukoll, id-differenzi bejn l-APB u l-previżjoni tal-Kummissjoni jistgħu jkunu ikbar fil-livell tal-Istati Membri, għal raġunijiet li jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. Id-differenzi kbar huma relatati mal-Belġju, il-Ġermanja, il-Latvja u Malta, fejn l-APB jipprojjettaw dejn aktar baxx mit-tbassir tal-Kummissjoni ta' 2 % tal-PDG (it-Tabella A5.3 u l-Grafika A5.5). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, id-differenzjali tal-previżjonijiet ivarjaw bejn żero u 1 % tal-PDG. Il-Kummissjoni tbassar defiċit iktar baxx biss fil-każ tas-Slovenja. F'termini ta' kompożizzjoni, it-tbassir tal-Kummissjoni jipprojjetta li anki t-tnaqqis limitat fil-proporzjon tan-nefqa aġġustat ċiklikament imbassar fl-APB jinsab f'riskju li ma jseħħx (it-Tabella A5.5). Fin-nefqa, it-tbassir tal-Kummissjoni jikkonferma li jista' jonqos il-piż tal-pagi pubbliċi, il-pagamenti tal-imgħaxijiet u possibbilment l-investiment pubbliku, filwaqt li s-sehem tal-pagamenti soċjali jista' jkompli jiżdied iktar (il-Grafika A5.2). Fuq in-naħa tad-dħul, it-tbassir tal-Kummissjoni huwa allinjat mal-APB (il-Grafika A5.3).

Daqs u kompożizzjoni tal-aġġustament

[9] Ix-xenarju makroekonomiku sottostanti l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju huwa bbażat fuq il-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Gvern Federali Ġermaniż ippubblikata f'April. Madankollu, peress li aktar statistiċi uffiċjali u indikaturi taċ-ċiklu tan-negozju aggravati saru disponibbli wara l-pubblikazzjoni tagħha, din tiddeskrivi prospett sinifikament aktar ottimist għall-attività ekonomika fl-2014 u l-2015 mill-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni. Il-Gvern Ġermaniż aġġorna l-previżjoni tiegħu stess mill-preżentazzjoni tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju.

[10] L-hekk imsejħa "elastiċità netta" tad-dħul, jiġifieri l-bidla perċentwali fid-dħul, mingħajr l-effett tal-miżuri diskrezzjonarji, għal bidla ta' 1 % fil-PDG. L-elastiċità aggregata tad-dħul fl-2015 li tirriżulta mill-pjanijiet hija inqas minn dik li tirfed il-previżjoni tal-Kummissjoni (0,8 u 1,0, rispettivament; ara t-Tabella A5.6).

Fir-rigward tad-daqs tal-**aġġustament tal-baġit strutturali**, it-tbassir tal-Kummissjoni jagħti l-istess messaġġ bħall-APB; wara tliet snin ta' konsolidazzjoni fiskali sostnuta l-pożizzjoni fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro se tkun newtrali fl-2014 u huwa mistenni li tibqa' hekk fl-2015. Fil-livell aggregat, in-nuqqas ta' ssikkar fiskali jidher li huwa bilanċ ġeneralment aċċettabbli bejn ir-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, enfasizzat minn proporzjonijiet ta' dejn għoli u li qed jiżdiedu, u l-kundizzjonijiet ċikliċi, li juru diskrepanzi negattivi sinifikanti u persistenti fil-produzzjoni, li huma proġettati li jonqsu bil-mod biss fis-snin li ġejjin. Fl-istess ħin, il-valutazzjonijiet tal-pjanijiet jikkonfermaw li bosta Stati Membri bħalissa mhumiex mistennija jilħqu l-obbligi attwali tagħhom skont il-PST. Meħudin flimkien dawn il-kunsiderazzjonijiet jissuġġerixxu l-ħtieġa li jsir monitoraġġ mill-qrib kemm tal-pożizzjoni fiskali kumplessiva taż-Żona tal-Euro kif ukoll tad-distribuzzjoni tagħha bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-ispazju għall-manuvrar disponibbli skont ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-prinċipju, ikun possibbli li jinkiseb reallinjament tal-politiki fiskali bejn il-pajjiżi li jkun jiżgura l-konformità mal-PST fl-Istati Membri kollha filwaqt li jiġi evitat issikkar fiskali bla bżonn. Dan jimplika l-isfruttar tal-ispazju fiskali disponibbli skont ir-regoli f'xi pajjiżi.

Il-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq jenfasizzaw bil-qawwa wkoll il-ħtieġa ta' Pjan ta' Investiment ambizzjuż fil-livell tal-UE biex tingħata spinta lid-domanda aggregata u jitnaqqsu r-restrizzjonijiet fuq in-naħa tal-provvista, u b'hekk jiġi sostnut l-istimulu provdut mill-politika monetarja akkomodanti.

Dan il-perkors biex jiġi sostnut it-tkabbir madwar iż-Żona tal-Euro huwa rilevanti meta wieħed jeżamina l-**kompożizzjoni tal-aġġustament tal-finanzi pubbliċi**. Filwaqt li x-xejra osservata li timxi lil hinn mit-taxxi fuq ix-xogħol — u l-għadd ta' azzjonijiet ta' politika li ttieħdu biex jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol — huma passi fid-direzzjoni t-tajba, il-kompożizzjoni tan-nefqa turi ftit jew l-ebda progress f'li tkun aktar favorevoli għat-tkabbir. Dan jenfasizza l-ħtieġa ta' allinjament aħjar tal-politiki tal-Istati Membri mal-prijoritajiet tal-Pakkett tal-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investiment, inkluż billi tintuża l-flessibbiltà disponibbli skont ir-regoli.

Kaxxa 1: Il-kontribut ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti għall-APB għall-2015

L-Artikoli 1, 4 u 5 tar-Regolament tat-Two-Pack (UE) Nru 473/2013, jirreferu għall-kunċett ta' korpi indipendenti. Ir-Regolament jirrappreżenta iktar speċifikazzjoni u estensjoni ta' rekwiżiti preċedenti stipulati f'atti leġiżlattivi tal-UE u intergovernattivi li jagħtu r-responsabbiltà ta' diversi kompiti relatati mas-sistema fiskali lill-korpi indipendenti. Żewġ oqsma supplimentari huma assenjati: (i) il-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli fiskali u (ii) il-previżjonijiet makroekonomiċi. Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni bil-ħsieb li jipprovdu gwida għall-Istati Membri ġew definiti fil-Kodiċi ta' Kondotta fit-Two-Pack fir-rigward tal-proċess tat-tbassir. Li jissupplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet, il-Kunsill fit-8 ta' Lulju 2014 sejjaħ lill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro "biex jiżguraw li l-oqfsa fiskali nazzjonali, inklużi l-kunsilli fiskali nazzjonali, ikunu b'saħħithom".

B'mod speċifiku, skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament, l-abbozzi tal-baġit "għandhom ikunu bbażati fuq previżjonijiet makroekonomiċi indipendenti", li jfisser skont l-Artikolu 2(1b) li dawn għandhom ikunu "magħmula jew approvati minn korpi indipendenti". Ħafna mill-APB imressqa f'Ottubru 2014 fihom riferenzi għar-rekwiżiti tat-Two-Pack, bl-Istati Membri li jagħżlu jew il-produzzjoni indipendenti jew l-approvazzjoni tal-previżjonijiet makroekonomiċi sottostanti.

Skont l-APB, il-previżjonijiet ġew prodotti minn entitajiet separati f'ħames Stati Membri: L-Awstrija (*Österreichisches Institut für Wirtschaftsforschung,* WIFO), il-Belġju (*Bureau Fédéral du Plan,* FPB),

il-Lussemburgu (STATEC), il-Pajjiżi l-Baxxi (*Centraal Planbureau,* CPB) u s-Slovenja (*Urad Rs Za Makroekonomske Analize in Razvoj,* UMAR-IMAD). Fil-Ġermanja, il-Ministeru tal-Ekonomija għadu jipproduċi l-previżjonijiet, iżda fuq il-bażi ta' Tbassir Ekonomiku Konġunt (Joint Economic Forecast, JEF) elaborat minn istituti ta' riċerka. Il-Kunsill tal-Konsulenti Ekonomiċi indipendenti analizza l-plawsibilità tagħhom f'Novembru. Il-previżjoni fl-APB hija bbażata fuq il-ħarġiet tar-Rebbiegħa tal-JEF u l-previżjoni tal-gvern u ma tiħux kont tal-ħarġiet tal-Ħarifa tal-JEF u l-proġettazzjonijiet makroekonomiċi tal-gvern. Fil-Finlandja, il-Ministeru tal-Finanzi jipproduċi l-previżjonijiet makroekonomiċi internament iżda jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' miżuri sabiex jiżgura l-indipendenza formali tat-tim li jipproduċihom.

L-APB tal-Estonja, Spanja, l-Irlanda, l-Italja u s-Slovakkja jirreferu għall-opinjonijiet dwar il-previżjonijiet makroekonomiċi mogħtija minn korpi separati (*Eelarvenõukogu*, *Autoridad Independiente de Responsabilidad Fiscal* (AIReF), il-Kunsill Fiskali Konsultattiv Irlandiż (IFAC), *Ufficio Parlamentare di Bilancio* (UPB) u l-Kumitat tat-Tbassir Makroekonomiku Slovakk rispettivament). Fi Franza, Malta u l-Portugall, minkejja li ngħatat opinjoni minn korp separat (il-HCFP (*Haut Conseil des Finances Publiques*), l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ta' Malta u s-CFP (*Conselho das Finanças Públicas*) rispettivament), ma hemm l-ebda referenza għalih fl-APB. Għal Franza u l-Portugall l-opinjoni eventwalment ġiet inkluża fid-dokumenti baġitarji. Fil-Latvja, id-dokument baġitarju rilaxxat tal-ebda tibdil fil-politika ma jikkwalifikax bħala APB u għalhekk formalment ma jeħtieġx opinjoni ta' korp separat. Fl-Estonja, Spanja, l-Irlanda, l-Italja, Malta, il-Portugall u s-Slovakkja, il-previżjonijiet, fil-biċċa l-kbira tagħhom, ġew approvati mill-korpi msemmija hawn fuq filwaqt li għadd ta' riskji ġew enfasizzati. Għal Franza, ix-xenarju makroekonomiku għall-2015 tqies ottimist mill-HCFP. Riskji 'l isfel li jirriżultaw minn żviluppi esterni, li potenzjalment jissarrfu f'inqas tkabbir tal-esportazzjoni milli mistenni, kienu msemmija għall-Estonja, Spanja, Franza, l-Irlanda, Malta, u l-Portugall. L-inċertezzi fir-rigward tad-domanda domestika (Franza), il-konsum (Spanja) jew l-investiment (Malta) kienu msemmija wkoll.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji individwali

L-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tiffoka fuq il-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST)u mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fuq din il-bażi. Għall-Istati Membri fi Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (excessive deficit procedure, EDP), l-Opinjoni tal-Kummissjoni tivvaluta l-progress tal-korrezzjoni tad-defiċits eċċessivi, fir-rigward kemm tal-miri tad-defiċit nominali kif ukoll ta' dak strutturali. Għall-Istati Membri taż-Żona tal-Euro li huma fil-parti preventiva tal-Patt, jiġifieri mhux fl-EDP, il-progress lejn l-Objettivi Baġitarji fuq Terminu Medju (OTM) huwa vvalutat sabiex jiġi ddeterminat jekk huwiex konformi mal-PST u mar-Rakkomandazzjonijiet fiskali Speċifiċi għall-pajjiżi (Country Specific Recommendations, CSRs) li ġew indirizzati lill-Istati Membri mill-Kunsill f'Lulju.

Il-valutazzjoni tal-pjanijiet hija bbażata fuq il-previżjoni tal-Kummissjoni tal-Ħarifa 2014.

Il-Kummissjoni, wara li tkun wettqet il-konsultazzjonijiet ma' ċerti Stati Membri biex titlob aktar informazzjoni jew biex tenfasizza xi tħassib inizjali relatat mal-APB li ppreżentaw, sal-aħħar ta' Ottubru ma sabet l-ebda APB li huma "f'nuqqas partikolarment serju ta' konformità" kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013. Madankollu, diversi mill-pjanijiet preżentati jagħtu lok għal tħassib dwar riskju ta' nonkonformità. It-Tabelli 2a u 2b jiġbru fil-qosor il-valutazzjonijiet tal-APB tal-pajjiżi individwali skont l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni adottati fit-28 ta' Novembru flimkien mal-valutazzjoni tal-progress fir-riformi fiskali-strutturali[11]. Sabiex ikun iffaċilitat il-paragun, il-valutazzjoni tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji hija miġbura fil-qosor fi tliet kategoriji wiesgħa:

- **Konformi:** Skont it-tbassir tal-Kummissjoni, **ma hemmx bżonn li l-pjanijiet baġitarji jiġu adattati** fil-proċedura baġitarja nazzjonali biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-PST. Madankollu, f'każijiet fejn il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-APB hija soġġetta għal riskji partikolari, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri konċernati biex jirreaġixxu kif meħtieġ.

- **Ġeneralment konformi:** Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet **biex jieħdu l-miżuri meħtieġa** fil-proċess baġitarju nazzjonali sabiex jiżguraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST abbażi tar-raġunijiet li ġejjin:

  Għall-Istati Membri fl-EDP: filwaqt li t-tbassir tal-Kummissjoni jipproġetta li d-defiċit nominali se jitniżżel taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG sal-iskadenza tal-EDP, hemm nuqqas li jidher fl-isforz fiskali li jipperikola l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fil-ħin u b'mod sostenibbli.

  Għall-Istati Membri taħt il-parti preventiva tal-PST: skont it-tbassir tal-Kummissjoni, l-aġġustament strutturali meħtieġ lejn l-OTM mhux mistenni li jsiru fl-2015, iżda dan in-nuqqas relattiv mar-rekwiżit ma jirrappreżentax devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament meħtieġ lejn l-OTM[12]. Jekk din is-sitwazzjoni tippersisti matul is-snin, dan jista' madankollu jwassal għal

[11] Riformi strutturali b'impatt baġitarju dirett.

[12] Għal Stat Membru li ma laħaqx l-OTM, id-devjazzjoni se titqies sinifikanti jekk:
(i) id-devjazzjoni tal-bilanċ strutturali mill-perkors ta' aġġustament xieraq hija ta' mill-anqas 0,5 % tal-PDG f'sena waħda jew ta' mill-anqas 0,25 % tal-PDG bħala medja kull sena f'sentejn wara xulxin; kif ukoll

devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament meħtieġ. Dawn l-Istati Membri huma konformi mal-valur referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn meta applikabbli.

- **Riskju ta' nuqqas ta' konformità:** Skont it-tbassir tal-Kummissjoni, l-APB mhijiex mistennija li tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-PST. Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet **biex jieħdu l-miżuri meħtieġa** fil-proċess baġitarju nazzjonali sabiex jiżguraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST abbażi tar-raġunijiet li ġejjin:

  Għall-Istati Membri fl-EDP: it-tbassir tal-Kummissjoni għall-2015, jekk jiġi kkonfermata *ex post*, jista' jwassal għall-intensifikar tal-EDP peress li l-isforz fiskali ma jkunx proġettat li se jintlaħaq u l-mira nominali tkun mistennija li ma tintlaħaqx.

  Għall-Istati Membri taħt il-parti preventiva tal-PST: it-tbassir tal-Kummissjoni jipproġetta devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament meħtieġ lejn l-OTM fl-2015 u / jew nuqqas ta' konformità mal-punt referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn jekk applikabbli (liema minnhom tkun l-aktar vinkolanti).

L-impatt tal-bidla mill-istandard ESA2010 tal-kontijiet nazzjonali u reviżjonijiet statistiċi oħra kemm fuq iċ-ċifri tad-defiċit kif ukoll tad-dejn tqis fil-valutazzjoni ta' pjanijiet (l-impatt li l-bidla għall-ESA 2010 kienet sinifikanti l-aktar fil-każ ta' Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall u l-Finlandja). B'mod partikolari, ir-reviżjonijiet statistiċi ġew trattati f'termini kwalitattivi u, fejn fattibbli, ukoll f'termini kwantitattivi fid-dokumenti ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni, kull meta l-impatt tagħhom affettwa l-varjabbli prinċipali użati għall-valutazzjoni tal-konformità mal-PST. Bidliet oħra statistiċi ġew imsemmija b'mod espliċitu għall-Estonja, il-Latvja u s-Slovenja. F'każijiet oħra, l-impatt ma kienx sinifikanti u/jew ma tbiddilx il-valutazzjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat il-grad ta' konformità kumplessiva mar-riformi fiskali strutturali elenkati fis-CSRs tal-2014. Il-valutazzjoni tal-APB hija miġbura fil-qosor f'ħames kategoriji wesgħin. Dawn huma:

- **L-ebda progress:** L-Istat Membru la ħabbar u lanqas ma adottat miżuri biex jindirizza s-CSR rilevanti.

- **Progress limitat:** L-Istat Membru ħabbar xi miżuri biex jindirizza s-CSR rilevanti, iżda dawn il-miżuri jidhru li mhumiex suffiċjenti u/jew l-adozzjoni / l-implimentazzjoni tagħhom tinsab f'riskju.

- **Xi progress:** L-Istat Membru ħabbar jew adottat miżuri biex jindirizza s-CSR rilevanti. Dawn il-miżuri huma promettenti, iżda mhux kollha għadhom ġew implimentati s'issa u l-implimentazzjoni mhijiex ċerta fil-każijiet kollha.

- **Progress sostanzjali:** L-Istat Membru adotta miżuri, li fil-biċċa l-kbira tagħhom ġew implimentati. Dawn il-miżuri jagħmlu passi kbar fl-indirizzar tas-CSR rilevanti.

(ii) eċċess tar-rata tat-tkabbir tan-nefqa mingħajr il-miżuri tad-dħul diskrezzjonarji tul il-perkors xieraq ta' aġġustament definit f'relazzjoni mar-rata tat-tkabbir ta' referenza fuq perjodu ta' żmien medju kellu impatt negattiv fuq il-bilanċ tal-gvern ta' mill-anqas 0,5 ta' punt perċentwali tal-PDG f'sena waħda jew b'mod kumulattiv f'sentejn konsekuttivi.
Devjazzjoni tista' wkoll tiġi kkunsidrata sinifikanti jekk waħda biss miż-żewġ kundizzjonijiet (i) u (ii) tiġi vverifikata u l-valutazzjoni kumplessiva turi li din il-kundizzjoni tkun l-aktar waħda xierqa biex jitkejjel l-isforz fiskali sottostanti.

- **Indirizzati bis-sħiħ:** L-Istat Membru adottat u implimenta miżuri li jindirizzaw is-CSR rilevanti kif xieraq.

Tabella 2a: Ħarsa ġenerali lejn l-Opinjonijiet individwali tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi ta' Pjani Baġitarji - l-Istati Membri taħt il-parti preventiva tal-PST

Pajjiż	Konformità kumplessiva tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST)		Il-konformità kumplessiva mar-riformi fiskali strutturali ssuġġeriti fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) tal-2014	
	Konklużjoni kumplessiva bbażata fuq il-Previżjoni tal-Ħarifa 2014 tal-Kummissjoni	Konformità mar-rekwiżiti tal-parti preventiva fl-2014-15	Konklużjoni kumplessiva dwar il-progress fir-riformi fiskali strutturali	Miżuri prinċipali fl-APB biex jindirizzaw il-porzjon tat-taxxa tas-CSRs
BE	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2014: ftit devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM; riskju tal-konformità mal-valur referenzjarju tad-dejn 2015: ftit devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM; riskju tal-konformità mal-valur referenzjarju tad-dejn	Xi progress	"Porzjon tat-taxxa" CSR Żieda fit-tnaqqis tat-taxxa fuq id-dħul personali. Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi
DE	Konformi	2014: l-OTM inqabeż; konformità mal-valur referenzjarju tad-dejn 2015: l-OTM inqabeż; konformità mal-valur referenzjarju tad-dejn	Progress limitat	"Porzjon tat-taxxa" CSR Mill-2014, żieda fil-benefiċċju tat-taxxa fuq id-dħul personali u nuqqas ta' implimentazzjoni tat-tnaqqis ippjanat inizjalment fir-rata tal-kontribuzzjoni tal-pensjoni biex jiġu ffinanzjati benefiċċji tal-pensjoni addizzjonali. Mill-2015, żieda fir-rata tal-kontribuzzjoni tal-kura fit-tul u riforma tal-finanzjament tal-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa
EE	Ġeneralment konformi	2014: ftit devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM tal-2015: ftit devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM	L-ebda progress	"Porzjon tat-taxxa" CSR Tnaqqis fir-rata tat-taxxa fuq id-dħul personali u l-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni tal-

				qgħad. Żieda tal-benefiċċju bażiku

IT	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2014: kellha permess tiddevja mill-perkors lejn l-aġġustament lejn l-OTM minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi eċċezzjonalment ħżiena; riskju tal-konformità mal-valur referenzjarju tad-dejn 2015: devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; riskju tal-konformità mal-valur referenzjarju tad-dejn	Xi progress	"Porzjon tat-taxxa" CSR Eżenzjoni tal-kostijiet tax-xogħol mill-bażi taxxabbli tat-taxxa reġjonali fuq in-negozji. Kreditu ta' taxxa permanenti (reġistrat bħala trasferiment soċjali fl-ESA2010) għal ħaddiema b'pagi baxxi, attwalment finanzjat għall-2014 biss. Eżenzjoni mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi għal tliet snin għal reklutaġġ ġdid b'kuntratti miftuħa matul l-2015
LV	Ġeneralment konformi	2014: l-ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM 2015: ftit devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM abbażi ta' APB bla bilda fil-politika	Progress limitat	"Porzjon tat-taxxa" CSR Ma kienx hemm miżuri fl-APB li tressaq mill-gvern preċedenti. Madankollu, l-Istrateġija tal-Politika tat-Taxxa għall-2015-17 tinkludi pjanijiet biex tiżdied il-paga minima u d-dħul minimu mhux intaxxat
LU	Konformi	2014: l-OTM inqabeż 2015: ebda devjazzjoni mill-OTM	Xi progress	L-ebda "porzjon tat-taxxa" CSR
MT[13]	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2014: f-EDP 2015: devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; konformità mal-valur referenzjarju tad-dejn	Xi progress	L-ebda "porzjon tat-taxxa" CSR
NL	Konformi	2014: ebda devjazzjoni mill-OTM; konformità mal-valur referenzjarju tad-dejn	Xi progress	"Porzjon tat-taxxa" CSR Riforma tal-kreditu tat-taxxa għall-impjegati,

[13] Malta attwalment tinsab taħt il-fergħa korrettiva, iżda tista' tiċċaqlaq għall-parti preventiva mill-2015 jekk isseħħ korrezzjoni f'waqtha u sostenibbli.

		2015: ebda devjazzjoni mill-OTM; konformità mal-valur referenzjarju tad-dejn		it-tnaqqis tal-piż fuq id-dħul baxx u medju. Tnaqqis tar-rata tat-taxxa fuq id-dħul personali fl-inqas kategorija tat-taxxa
AT	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2014: ftit devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM; konformità mal-valur referenzjarju tad-dejn 2015: devjazzjoni sinifikanti mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM; konformità mal-valur referenzjarju tad-dejn	Progress limitat	"Porzjon tat-taxxa" CSR Id-deċiżjoni dwar tħabbira ġenerali tar-riforma biex jitnaqqas il-porzjon ta' taxxa għandha ssir f'Marzu 2015
SK	Konformi	2014: l-ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM 2015: l-ebda devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM	Progress limitat	L-ebda "porzjon tat-taxxa" CSR
FI	Ġeneralment konformi	2014: xi devjazzjoni mill-OTM 2015: ftit devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM	Xi progress	L-ebda "porzjon tat-taxxa" CSR

Tabella 2b: Ħarsa ġenerali lejn l-Opinjonijiet individwali tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi ta' Pjani Baġitarji - l-Istati Membri taħt il-parti korrettiva tal-PST

Pajjiż	**Konformità ġenerali tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarji mal-Patt ta' Stabilita u Tkabbir**		**Konformità ġenerali mar-riformi fiskali-strutturali rrakkomandati fis-CSR tal-2014**	
	Konklużjoni kumplessiva bbażata fuq il-Previżjoni tal-Harifa 2014 tal-Kummissjoni	**Konformità mal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv fl-2014-15**	**Konklużjoni kumplessiva dwar il-progress fir-riformi fiskali strutturali**	**Miżuri ewlenin fl-Abbozzi ta' Pjani Baġitarji biex jiġi indirizzat il-porzjon ta' taxxa**
ES	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2014: mira ewlenija milħuqa 2015: fin-nunqqas ta' miżuri addizzjonali, il-konformità mhux assigurata	Xi progress	"Porzjon tat-taxxa" CSR Tnaqqis fir-rati tat-taxxa fuq id-dħul personali Tnaqqis temporanju fil-kontribuzzjonijiet soċjali fejn jidħlu kuntratti ġodda ffirmati fl-2014
FR	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2014: riskju li ma tittieħed l-ebda azzjoni effettiva	Progress limitat	"Porzjon tat-taxxa" CSR Sa mill-2014, kreditu tat-

		2015: fin-nunqqas ta' miżuri addizzjonali, il-konformità mhux assigurata		taxxa ġdid għal pagi li jkunu sa 2.5 darba l-paga minima Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jħallas min iħaddem. Tnaqqis fit-taxxa fuq id-dħul personali għal min għandu paga baxxa

IE	Konformi	2014: azzjoni effettiva 2015: mistennija korrezzjoni f'waqtha	Xi progress	L-ebda "porzjon tat-taxxa" CSR
PT	Riskju ta' nuqqas ta' konformità	2014: riskju li ma tittieħed l-ebda azzjoni effettiva 2015: fin-nunqqas ta' miżuri addizzjonali, il-konformità mhux assigurata	Progress limitat	L-ebda "porzjon tat-taxxa" CSR
SI	Ġeneralment konformi	2014: riskju li ma tittieħed l-ebda azzjoni effettiva 2015: mistennija korrezzjoni f'waqtha	Progress limitat	L-ebda "orzjon tat-taxxa" CSR

ANNESS 1: Valutazzjoni tal-APB speċifika għall-pajjiżi

L-Istati Membri taħt il-parti preventiva tal-Patt ta' Stabilita u Tkabbir (PST)

Pjani konformi mal-obbligi tal-pajjiż

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-Ġermanja, li bħalissa qiegħed taħt il-parti preventiva tal-PST u suġġett għar-regola tranżitorja tad-dejn, huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. Madankollu, l-ispazju fiskali mdaqqas, il-ħtiġijiet ta' investiment u r-rati ta' imgħax baxxi ħafna, ħaġa li timplika li r-redditu soċjali fil-biċċa l-kbira jiżboq il-kosti tas-self, iħallu lok għat-tkabbir tal-investiment pubbliku. Barra minn dan, huwa neċessarju li l-Ġermanja tara li jkun hemm entita pubblika indipendenti li tkun inkarigata li tipproduċi u tapprova t-tbassir makroekonomiku. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Ġermanja għamlet progress limitat għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Lussemburgu**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti preventiva, huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. B'mod partikolari, fl-2015 il-Lussemburgu għandu l-intenzjoni li jagħmel użu mill-bafer li għandu għar-rigward tal-OTM peress li hemm tendenza li l-bilanċ pożittiv strutturali jiddeterjora, filwaqt li jibqgħu jiġu rispettati l-OTM speċifiċi għall-pajjiż. It-tnaqqis fil-bilanċ pożittiv strutturali huwa relatat l-aktar mat-tnaqqis fl-introjti mill-VAT marbuta ma' tibdil fil-leġiżlazzjoni dwar il-kummerċ elettroniku (madwar 1½% tal-PDG), li huwa biss parzjalment ikkumpensat bil-miżuri l-ġodda ppjanati fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju. Madankollu, t-telf fl-introjti mill-VAT jistgħu jkunu akbar milli mistenni. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex ikunu għal-lest li jieħdu miżuri addizzjonali fl-każ li dawn ir-riskji jimmaterjalizzaw. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Lussemburgu għamel xi progress għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u tistieden lill-awtoritajiet biex ikomplu jagħmlu progess.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Pajjiżi l-Baxxi**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti preventiva u suġġett għar-regola tranżitorja tad-dejn, huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet biex jimplimentaw b'mod rigoruż il-baġit tal-2015. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Pajjiżi l-Baxxi għamlu xi progress għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u tistieden lill-awtoritajiet biex ikomplu jagħmlu progess.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tas-**Slovakkja**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti preventiva, huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. B'mod partikolari, abbażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, id-defiċit tal-gvern ġenerali ma jeċċedix il-valur ta' referenza tat-Trattat, għalkemm hemm xi inċertezzi għar-rigward tal-iżviluppi fid-defiċit fl-2014. Instab li s-Slovakkja kienet eliġibbli għall-klawżola tal-investiment fl-2014, li tippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament rikjest lejn l-OTM f'dik is-sena. Fl-2015, meta din id-devjazzjoni temporanja tkun trid tiġi kkumpensata, is-Slovakkja hija mistennija li tagħmel progress suffiċjenti lejn l-OTM. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u meta jittieħed f'kusndierazzjoni l-fatt li t-trażżin tad-dejn nazzjonali, li jirfed l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju, m'għadux mistenni li jkun japplika, il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet biex ikunu għal-lest li jieħdu l-miżuri neċessarji fi ħdan il-proċess baġitarju nazzjonali biex jaraw li l-baġit tal-2015 jibqa' konformi mal-PST. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li s-Slovakkja għamlet progress limitat għar-rigward tal-parti strutturali tar-

rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex taċċellera l-implimentazzjoni.

Pjani ġeneralment konformi

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Estonja**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti preventiva, huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. B'mod partikolari, abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni, hu mistenni li fl-2015 jkun hemm xi devjazzjoni mill-perkors tal-aġġustament lejn l-OTM. Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji fi ħdan il-proċess baġitarju nazzjonali biex jaraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Estonja ma għamlet l-ebda progress għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni.

Fil-15 ta' Ottubru l-**Latvja** ppreżentat Abbożż ta' Pjan Baġitarju bbażat fuq politika tal-ebda tibdil. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-Latvja, li bħalissa qiegħed taħt il-parti preventiva, huwa ġeneralment konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji fil-baġit tal-2015 sabiex jiksbu konformita mal-PST. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Latvja għamlet progress limitat għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex taċċellera l-implimentazzjoni. Wara l-preżentazzjoni ta' Abbozz ta' Pjan Baġitarju aġġornat fit-22 ta' Novembru 2014 mill-gvern il-ġdid, il-Kummissjoni timmira li tadotta Opinjoni dwar Abbozz ta' Pjan Baġitarju aġġornat qabel ma jkun ippjanat l-abbozz tal-liġi baġitarja li għandu jiġi adottat mill-parlament nazzjonali.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Finlandja**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti preventiva, huwa ġeneralment konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji fi ħdan il-proċess baġitarju nazzjonali biex jaraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST. Barra minn dan, il-Finlandja għandha tistabbilixxi l-qafas legali xieraq biex tiggarantixxi li t-tbassir makroekonomiku li jirfed l-abbozz ta' baġit ikun approvat jew prodott b'mod independenti. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Finlandja għamlet xi progress għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u tistieden lill-awtoritajiet biex ikomplu jagħmlu progess.

Pjani li huma fir-riskju li ma jkunux konformi

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Belġju**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti preventiva tal-PST u suġġett għar-regola tad-dejn, jinsab f'riskju li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji fi ħdan il-proċess baġitarju nazzjonali biex jaraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Belġju għamel xi progress għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u tistieden lill-awtoritajiet biex ikomplu jagħmlu progess. Kmieni f'Marzu 2015 il-Kummissjoni se teżamina l-pożizzjoni tagħha rigward l-obbligi tal-Belġju taħt il-PST fid-dawl tal-finalizzazzjoni tal-liġi baġitarja u tal-ispeċifikazzjoni mistennija tal-programm ta' riforma strutturali mħabbar mill-awtoritajiet fl-ittra tal-21 ta' Novembru ffirmata mill-Prim Ministru Michel, mill-Ministru van Overtveldt u mill-Ministru Jamar.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju aġġornat tal-**Italja**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti preventiva u suġġett għar-regola tad-dejn, jinsab f'riskju li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji fi ħdan il-proċess baġitarju nazzjonali biex jaraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Italja għamlet xi progress għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u tistieden lill-awtoritajiet biex ikomplu jagħmlu progess. F'dan il-kuntest, il-linji ta' politika li jgħinu l-prospetti tat-tkabbir, li jżommu l-ispiża kurrenti primarja taħt kontroll strett filwaqt li tiżdied l-effiċjenza ġenerali tan-nefqa pubblika, kif ukoll il-privatizzazzjonijiet ippjanati, ikunu ta' kontribut biex fis-snin li ġejjin jibda jitnaqqas il-proporzjon ta' dejn mal-PDG, konsistenti mar-regola tad-dejn. Kmieni f'Marzu 2015 il-Kummissjoni se teżamina l-pożizzjoni tagħha rigward l-obbligi tal-Italja taħt il-PST fid-dawl tal-finalizzazzjoni tal-liġi baġitarja u tal-ispeċifikazzjoni mistennija tal-programm ta' riforma strutturali mħabbar mill-awtoritajiet fl-ittra tal-21 ta' Novembru ffirmata mill-Ministru Padoan.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju ta' **Malta**, jinsab fir-riskju li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. Malta bħalissa tinsab taħt il-parti korrettiva, iżda tista' tiġi suġġetta għall-parti preventiva mill-2015 f'każ li tinkiseb korrezzjoni f'waqtha u sostenibbli. Skont it-tbassir tal-Kummissjoni, l-isforz strutturali fl-2014 huwa mbiegħed minn dak li ġie rakkomandat mill-Kunsill fir-rakkomandazzjoni tal-EDP, li tixħet attenzjoni fuq ir-riskju li tista' ma tinkisibx il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, minħabba n-nuqqas apparenti ta' sforz suffiċjenti li jsostnih. Barra minn dan, abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni, il-konformità mar-regola tad-dejn ma ntlaħqitx bi ftit fl-2014. Fl-aħħar nett, fl-2015 hija mistennija devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni, kemm skont il-livell referenzjarju tal-bilanċ strutturali kif ukoll dak tan-nefqa, kontra l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji fi ħdan il-proċess baġitarju nazzjonali biex jaraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST. Il-Kummissjoni tagħraf li Malta għamlet xi progress għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014. Madankollu hija tistieden lill-awtoritajiet biex jaċċelleraw il-progress fuq l-isforzi ppjanati għat-titjib tas-sostenibilita finanzjarja tas-sistema tal-kura tas-saħħa, biex jaraw li jittieħdu miżuri ulterjuri fir-riforma tal-pensjonijiet u biex jiġi żgurat li l-isforzi għat-titjib tal-konformita tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa jħallu l-frott mistenni.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Awstrija**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti preventiva u suġġett għar-regola tranżitorja tad-dejn, jinsab f'riskju li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. B'mod partikolari, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju għall-2015, wara li jiġu kunsidrati l-miżuri mħabbra f'Ottubru, jimplika devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-OTM matul l-2014-15, abbażi kemm tal-livell referenzjarju rigward il-bilanċ strutturali kif ukoll dak tan-nefqa. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji fi ħdan il-proċess baġitarju nazzjonali jaraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Awstrija għamlet progress limitat għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jaċċelleraw l-isforzi tagħhom ta' implimentazzjoni.

L-Istati Membri taħt il-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabilita u Tkabbir (PST)

Pjani konformi mal-obbligi tal-pajjiż

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Irlanda**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti korrettiva, huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. Madankollu, il-Kummissjoni tistieden lill-Irlanda biex tuża l-irkupru ekonomiku li kien aħjar milli mistenni biex taċċellera t-tnaqqis fil-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG. Filwaqt li t-tbassir bħalissa huwa konsistenti ma' korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv, miri ta' defiċit aktar ambizzjużi għall-2015 u l-2016 ikunu ta' għajnuna biex il-proporzjon għoli ħafna ta' dejn mal-PDG jibda' jitniżżel b'mod konsistenti. Fl-aħħar nett il-Kummissjoni tistieden lill-Irlanda biex tkun għal-lest, jekk ikun hemm bżonn, li tieħu l-miżuri neċessarji biex tara li jkun hemm korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv fl-2015. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Irlanda għamlet xi progress għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u tistieden lill-awtoritajiet biex ikomplu jagħmlu progess.

Pjani ġeneralment konformi

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tas-**Slovenja**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti korrettiva, huwa ġeneralment konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. Filwaqt li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju jbassar korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv hekk kif huwa pproġettat li l-bilanċ prinċipali jitniżżel taħt it-3 % tal-PDG fl-2015, l-isforz fiskali rakkomandat f'termini strutturali mhux mistenni li jintlaħaq. Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet biex ikunu għal-lest biex jieħdu l-miżuri neċessarji fi ħdan il-proċess baġitarju nazzjonali biex jaraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li s-Slovenja għamlet progress limitat għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex taċċellera l-implimentazzjoni.

Pjani li huma fir-riskju li ma jkunux konformi

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju ta' **Spanja**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti korrettiva, jisab fir-riskju li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. B'mod partikolari, l-Abbozz ta' Pjan Baġitraju mhux mistenni li jiggarantixxi l-konformità mal-miri baġitarji stabbiliti fir-rakkomandazzjoni tal-PDE. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji fi ħdan il-proċess baġitarju nazzjonali biex jaraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li Spanja għamlet xi progress lejn il-konformità għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u tistieden lill-awtoritajiet biex ikomplu jagħmlu progess.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju ta' **Franza**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti korrettiva, jinsab fir-riskju li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. Fil-kunsiderazzjoni tal-pakkett addizzjonali ppreżentat fis-27 ta' Ottubru, l-aġġustament fil-bilanċ strutturali mistenni li jkun ta' 0,3 % tal-PDG, imqabbel ma' 0,8 % tal-PDG rakkomandat mill-Kunsill fl-2013. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji fi ħdan il-proċess baġitarju nazzjonali biex jaraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li Franza għamlet progress limitat għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet fiskali maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni. Kollox ma kollox, l-informazzjoni disponibbli sa issa tindika li Franza ma ħaditx azzjoni effettiv għall-2014 f'dan l-

istadju. Kmieni f'Marzu 2015 il-Kummissjoni se teżamina l-pożizzjoni tagħha rigward l-obbligi ta' Franza taħt il-PST fid-dawl tal-finalizzazzjoni tal-liġi baġitarja u tal-ispeċifikazzjoni mistennija tal-programm ta' riforma strutturali mħabbar mill-awtoritajiet fl-ittra tal-21 ta' Novembru ffirmata mill-Prim Ministru Valls.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Portugall**, li bħalissa qiegħed taħt il-parti korrettiva, jinsab fir-riskju li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-PST. B'mod partikolari jeżisti r-riskju li l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju ma jwettaqx ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li d-defiċit eċċessiv jiġi kkoreġut sal-2015. Dan ir-riskju jqum minn suppożizzjonijiet favorevoli dwar l-impatt fuq il-baġit ta' żviluppi makroekonomiċi u minn nuqqas ta' miżuri strutturali li jirfdu l-Pjan. Huwa ċar li l-isforz fiskali huwa 'l bogħod sew mir-rakkomandazzjoni u għalhekk jindika l-ħtieġa li ssir konsolidazzjoni strutturali addizzjonali mdaqqsa għall-2015 biex tirfed korrezzjoni kredibbli u sostenibbli tad-defiċit eċċessiv. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji fi ħdan il-proċess baġitarju nazzjonali biex jaraw li l-baġit tal-2015 ikun konformi mal-PST. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Portugall għamel progress limitat għar-rigward tal-parti strutturali tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2014 u għalhekk tistieden lill-awtoritajiet biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni.

ANNESS 2: Il-metodoliġija u s-suppożizzjonijiet sottostanti l-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2014

Skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013, "il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet tal-previżjonijiet ekonomiċi l-aktar reċenti tas-servizzi tal-Kummissjoni għal kull Stat Membru, inklużi l-istimi tal-impatt tal-miżuri baġitarji aggregati fuq it-tkabbir ekonomiku, għandhom jiġu annessi mal-valutazzjoni kumplessiva." Is-suppożizzjonijiet li jirfdu t-tbassir tal-ħarifa tal-Kummissjoni tal-2014, li huwa prodott indipendentement mill-persunal tal-Kummissjoni, huma spjegati fid-dokument tat-tbassir innifsu[14].

Id-dejta baġitarja sal-2013 hija bbażata fuq id-dejta nnotifikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Ottubru u vvalidata mill-Eurostat fil-21 ta' Ottubru. Il-Eurostat irtira r-riserva fuq il-kwalità tad-dejta dwar id-defiċit tal-gvern irrappurtata mill-Pajjiżi l-Baxxi, li kienet ġiet espressa fl-istqarrija għall-istampa tal-Eurostat tat-23 ta' April 2014, minħabba l-inċertezzi dwar l-impatt tal-istatistika fuq l-interventi tal-gvern dwar in-nazzjonalizzazzjoni u r-ristrutturar ta' SNS Reaal fl-2013, peress li d-daqs ta' dan l-impatt ġie ċċarat mal-awtoritajiet tal-istatistika Olandiżi. Il-Eurostat ma għamel l-ebda emendi għad-dejta rrappurtata mill-Istati Membri matul ir-ronda ta' notifika tal-ħarifa 2014.

Għat-tbassir, il-miżuri li jsostnu l-istabilita finanzjarja ġew irreġistrati skont id-Deċiżjoni tal-Eurostat tal-15 ta' Lulju 2009[15]. Sakemm l-Istati Membru kkonċernat jirrapporta mod ieħor, l-injezzjonijiet ta' kapital magħrufa f'dettall suffiċjenti ġew inklużi fit-tbassir bħala transazzjonijiet finanzkjarji, jiġifieri jżidu d-dejn, iżda mhux id-defiċit. Il-garanziji tal-Istat fuq ir-responsabilitajiet tal-banek u fuq id-depożiti mhumiex inklużi bħala nefqa tal-gvern, sakemm ma jkunx hemm evidenza li turi li dawn ikunu ntużaw fil-mument li jkun ġie ffinalizzat it-tbassir. Ta' min jinnota, madankollu, li s-self lill-banek mill-gvern, jew minn entitajiet oħra kklassifikati fis-settur pubbliku, normalment iżidu mad-dejn tal-gvern.

Għall-2015 se jitqiesu l-baġits adottati jew preżentati lill-parlamenti nazzjonali kif ukoll kull miżura oħra magħrufa f'biżżejjed dettall. Partikolarment l-informazzjoni inkluża fl-APB sottomessi sa nofs Ottubru qed tiġi riflessa f'din il-previżjoni. Għall-2016 is-suppożizzjoni tal-"ebda bidla fil-politika" użata fil-previżjonijiet timplika l-estrapolazzjoni ta' xejriet fid-dħul u n-nefqa u l-inklużjoni tal-miżuri magħrufa f'biżżejjed dettall.

L-aggregazzjonijiet Ewropej tad-dejn ġenerali tal-gvern fis-snin ta' previżjoni 2014-16 huma ppubblikati fuq bażi mhux konsolidata (jiġifieri mhux ikkoreġuti għas-self intergovernattiv). Sabiex tiġi żgurta l-konsistenza tul iż-żmien, id-dejta storika tiġi ppubblikata wkoll fuq l-istess bażi. Għall-2013 dan jimplika proporzjon ta' dejn mal-PDG fiż-Zona tal-Euro li huwa 2,2 punti perċentwali (1,7 punti perċentwali fl-UE) ogħla mill-proporzjon tad-dejn konsolidat tal-gvern ġenerali ppubblikat mill-Eurostat fl-istqarrija għall-istampa 158/2014 tal-21 ta' Ottubru 2014[16]. Il-projezzjonijiet tal-dejn tal-gvern ġenerali għall-Istati Membri individwali fl-2014-16 jinkludu l-impatt tal-garanziji lill-

[14] Is-suppożizzjonijiet metodoloġiċi li jirfdu t-tbassir tal-ħarifa tal-Kummissjoni tal-2014, disponibbli hawn: http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/european_economy/forecasts/index_en.htm).

[15] Disponibbli hawn: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/2-15072009-BP/EN/2-15072009-BP-EN.PDF.

[16] Disponibbli hawn: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/2-21102014-AP/EN/2-21102014-AP-EN.PDF.

EFSF[17], self bilaterali lil Stati Membri oħra, u l-parteċipazzjoni fil-kapital tal-MES skont kif ippjanat fl-aħħar jum li jittieħed f'kunsiderazzjoni fit-tbassir.

Skont it-tbassir tal-ħarifa tal-Kummissjoni tal-2014, il-miżuri baġitarju aggregati fl-APB għall-2015 jammontaw għal madwar 0,2 % tal-PDG. It-tifdil fin-nefqa huwa stmat li huwa ta' 0,25 % tal-PDG, filwaqt li l-miżuri ta' introjtu, bħala aggregat, għandhom l-effett li jżidu d-defiċit bi ftit. Kollox ma' kollox, l-impatt mekkaniku fuq it-tkabbir fuq perjodu ta' żmien qasir ikun ta' madwar 0,15 ta' punti perċentwal.

Huwa importanti li wieħed ikun prudenti meta jinterpreta din l-istima:

- Jekk ma jkunx hemm azzjoni fuq l-iżbilanċi fiskali dan jista' jkabbar il-fraġilità finanzjarja u tal-assi u dan iwassal għal firxiet u għal rati ta' self ogħla, b'impatt negattiv dwar it-tkabbir.
- Ir-Regolament jimmira lejn l-evalwazzjoni tal-effett tal-miżuri meħuda fl-APB. Għalhekk il-miżuri meħuda u li daħlu fis-seħħ qabel l-APB mhumiex inklużi fil-valutazzjoni (anki jekk jistgħu jaffettwaw il-previżjoni).
- Miżuri meħuda b'effett fl-2015 jistgħu wkoll jikkumpensaw għal miżuri eżistenti li jkollhom impatt ta' darba fl-2014 u għaż-żieda xejra fin-nefqa. Fuq livell aggregat taż-ŻE-16, il-Kummissjoni tevalwa miżuri ta' darba fl-2014 bħala 0,0 % tal-PDG u x-xejra ta' żieda fin-nefqa (kif imkejjel mit-tibdil fil-proporzjon tan-nefqa aġġustat ċiklikament) fin-nuqqas ta' miżuri ta' politika bħala 0,25 % tal-PDG.

[17] Konformi mad-deċiżjoni tal-Eurostat tas-27 ta' Jannar 2011 dwar ir-reġistrazzjoni statistika tal-operazzjonijiet li jsir mill-EFSF, tinsab hawn: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/2-27012011-AP/EN/2-27012011-AP-EN.PDF.

ANNESS 3: Analiżi tas-sensittività

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013, "il-valutazzjoni kumplessiva għandha tinkludi analiżijiet tas-sensittività li jipprovdu indikazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi f'każ ta' żviluppi ekonomiċi, finanzjarji jew baġitarji negattivi". Dan l-Anness għalhekk jippreżenta analiżi tas-sensittività tal-iżviluppi tad-dejn pubbliku għal xokkijiet makroekonomiċi possibbli (għat-tkabbir u r-rati tal-interess), billi tuża r-riżultati tal-previżjonijiet stokastiċi tad-dejn[18]. L-analiżijiet jippermettu li jitkejjel l-impatt possibbli tar-riskji 'l isfel u 'l fuq għat-tkabbir tal-PDG nominali fuq id-dinamiki tad-dejn pubbliku (jispjegaw ukoll l-impatt tagħhom fuq il-komponent ċikliku tal-bilanċ tal-baġit, permezz tal-funzjonament tal-istabbilizzaturi awtomatiċi), kif ukoll l-effetti tal-iżviluppi pożittivi/negattivi fuq is-swieq finanzjarji, li jsarrfu f'kostijiet tas-self orħos/ogħla għall-gvernijiet.

Fil-previżjonijiet stokastiċi l-inċertezza fil-kundizzjonijiet makroekonomiċi futuri tidher fl-analiżi tad-dinamiki tad-dejn pubbliku abbażi ta' xenarju "ċentrali" tal-previżjonijiet tad-dejn, li tikkorrispondi rispettivament max-xenarju tal-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni u x-xenarju tal-previżjoni tal-APB fiż-żewġ partijiet tal-grafika ta' hawn isfel, li tirrapporta r-riżultati taż-ŻE-16[19] (fiż-żewġ każijiet issir is-suppożizzjoni tas-soltu tal-ebda bidla fil-politika wara l-orizzont tal-previżjoni). Qed jiġu applikati xokkijiet għall-kundizzjonijiet makroekonomiċi (rati tal-interessi għall-perijodu qasir u fit-tul fuq bonds tal-gvern; rata ta' tkabbir) li jitqiesu li huma fix-xenarju ċentrali biex jiksbu l-"konu" (id-distribuzzjoni) ta' perkorsi ta' dejn possibbli ppreżentat fil-grafika ta' hawn taħt. Il-konu jikkorrispondi għal sett wiesa' ta' kundizzjonijiet makroekonomiċi sottostanti possibbli, b'sa 2000 xokk simulat fuq it-tkabbir u r-rati tal-interessi. Id-daqs u l-korrelazzjoni tax-xokkijiet jirriflettu l-imġiba storika tal-varjabbli.[20] Dan jimplika li l-metodoloġija ma tkoprix l-inċertezza f'ħin reali, li f'dan l-istadju tista' tkun ogħla b'mod speċjali għad-differenza fil-produzzjoni. Id-dinamiki simulati tad-dejn iqisu l-fatt li x-xokkijiet fuq it-tkabbir jirriżultaw ukoll f'"xokkijiet baġitarji", minħabba li l-komponent ċikliku tal-bilanċ tal-baġit jiġi affettwat bl-operat tal-istabbilizzaturi awtomatiċi. Il-fan charts li jirriżultaw fil-grafika ta' hawn taħt għalhekk jipprovdu informazzjoni probabbilistika dwar id-dinamiki tad-dejn għaż-ŻE-16 u jqisu l-okkorrenza possibbli ta' xokkijiet fuq it-tkabbir u r-rati tal-interessi ta' daqs u korrelazzjoni li jirriflettu dawk osservati fil-passat.

Il-fan charts jirrapportaw il-perkors previst tad-dejn skont ix-xenarju ċentrali (li fuqu jiġu applikati x-xokkijiet makroekonomiċi) bħala linja miksura, u t-trajjetorja tal-previżjoni tad-dejn li taqsam f'żewġ nofsijiet is-sett kollu tat-trajjetorji miksub bl-applikazzjoni tax-xokkijiet (il-medjan) bħala linja sewda solida fiċ-ċentru tal-konu. Il-konu nnifsu jkopri 80% tal-possibbiltajiet kollha tal-perkorsi possibbli tad-dejn miksuba bis-simulazzjoni ta' 2 000 xokk fuq it-tkabbir u r-rati tal-interessi (peress li l-aktar linja baxxa u l-aktar l-linja għolja li jiddelimitaw il-konu jirrappreżentaw l-għaxar u d-disgħin perċentili tad-distribuzzjoni rispettivament), u għalhekk jeskludu mill-erja skura l-perkorsi simulati tad-dejn (20 % ta' kollox) li jirriżultaw minn xokkijiet aktar estremi (inqas probabbli), jew telf ("tail

[18] Il-metodoloġija għal previżjonijiet stokastiċi tad-dejn pubbliku użata hawnhekk hija ppreżentata fir-Rapport ta' Sostenibilità Fiskali tal-Kummissjoni Ewropea 2012, Taqsima 3,3,3, u f'Berti K. (2013), "Stochastic public debt projections using the historical variance-covariance matrix approach for EU countries", *European Economy, Economic Paper* Nru 480.

[19] Dan jinvolvi li l-bilanċ strutturali primarju taż-ŻE-16 jiġi ssupponut li se jibqa ' konstanti fl-aħħar livell previst ta' surplus ta ' – 1,4% fl-2015 fix-xenarju tal-APB, kontra surplus ta' 1,2 % fl- 2016 fix-xenarju tal-Kummissjoni – tul il-bqija tal-orizzont tal-previżjoni.

[20] Qed issir suppożizzjoni li x-xokkijiet isegwu distribuzzjoni normali konġunta.

events"). L-erjas skuri differenti fil-konu jirrapreżentaw porzjonijiet differenti tad-distribuzzjoni kumplessiva tal-perkorsi possibbli tad-dejn. L-erja bil-blu skur (delimitata mill-erbgħin u s-sittin perċentili) tinkludi l-20 % tal-perkorsi kollha possibbli tad-dejn li huma l-eqreb tax-xenarju ċentrali.

Grafika A3.1: Fan charts mill-previżjonijiet stokastiċi tad-dejn pubbliku madwar ix-xenarju tal-previżjoni tal-Kummissjoni u x-xenarju tal-previżjoni tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji (APB)



Għax-xenarju tal-Kummisjoni u l-ABP, il-fan charts jenfasizzaw rispettivament probabbiltajiet ta' madwar 40 % u 50 % li l-proporzjon tad-dejn mal-PDG jkun agħar milli mbassar għaż-ŻE-16 fl-2015,

minħabba l-okkorrenza ta' xokkijiet makroekonomiċi ħżiena[21]. Li jittieħed kont tar-riskji 'l fuq u 'l isfel għat-tkabbir u l-kundizzjonijiet tas-suq finanzjarju fiż-żewġ xenarji jwassal għal dejn taż-ŻE-16 fl-2015 li jinsab bejn 90-91 % u 94-95 % tal-PDG bi probabilità ta' 80 % (billi l-konu jirrappreżenta 80 % tal-perkorsi tad-dejn simulati kollha possibbli). Il-konfini ta' fuq u ta' isfel tal-intervall tal-proporzjon tad-dejn fl-2015 ikunu ogħla fix-xenarju tal-Kummisjoni meta mqabbel max-xenarju tal-APB, minħabba differenza ta' punt perċentwali wieħed bejn il-previżjonijiet ċentrali rispettivi li japplikaw għalihom ix-xokkijiet (proporzjon ta' dejn ta' madwar 93,5% fix-xenarju tal-Kummisjoni mqabbel ma' 92,5 % fix-xenarju tal-APB).

Wara l-2015, l-orizzont tal-APB attwali, ir-riżultati tas-simulazzjoni juru zieda fid-differenza fil-proporzjonijiet tad-dejn previst taħt xokk fix-xenarji tal-Kummissjoni u tal-APB. Fi tmiem l-orizzont tal-previżjonijiet meqjusa fil-fan charts (2019), ikun hemm 50 % probabbiltà ta' proporzjon tad-dejn ogħla minn 89 % tal-PDG fix-xenarju tal-Kummissjoni, u 50% probabbiltà ta' proporzjon tad-dejn ogħla minn 87 % tal-PDG fix-xenarju tal-APB. Id-differenza hija l-aktar minħabba bilanċ strutturali primarju miżmum kostanti fl-aħħar surplus previst fix-xenarju tal-APB li huwa ogħla meta mqabbel max-xenarju tal-Kummissjoni li wassal għal tnaqqis akbar fil-proporzjonijiet tad-dejn simulati wara l-2015 fix-xenarju tal-APB.

Ta' min jinnota li peress li d-daqs u l-korrelazzjoni tax-xokkijiet jirriflettu l-imġiba storika tal-varjabbli, il-metodoloġija ma tkoprix l-inċertezza f'ħin reali, bħal ma tista' teżisti b'mod partikolari fil-valutazzjoni tad-differenza fil-produzzjoni. Filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-esperjenza passata ta' reviżjonijiet sinifikanti ta' stimi tad-differenza fil-produzzjoni, ħafna drabi fid-direzzjoni ta' produzzjoni potenzjali aktar baxxa milli maħsuba f'ħin reali, dan jissuġġerixxi sors addizzjonali ta' riskji fuq perkorsi futuri tad-dejn li ma jkunx rifless fl-analiżi preċedenti.

[21] Fl-2015, il-linja miksura li tirrappreżenta l-previżjonijiet għax-xenarju ċentrali fiż-żewġ fan charts tikkorrispondi, fix-xenarji tal-APB u l-Kummissjoni rispettivament, mal-linja li tindika l-ħamsin u s-sittin perċentil ta' distribuzzjoni (li jfisser li rispettivament 50 % u 40% tal-valuri possibbli kollha għall-proporzjon tad-dejn mal-PGD fl-2015 se jaqbżu l-valur imbassar).

ANNESS 4: L-implimentazzjoni ta' riformi strutturali: l-indirizzar tal-iżbilanċi makroekonomiċi u t-tnaqqis tal-porzjon ta' taxxa

Ir-riformi strutturali huma kruċjali biex jinkoraġġixxu t-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa billi jrawmu allokazzjoni mill-ġdid effiċjenti tar-riżorsi, it-titjib tal-produttività u l-prospetti tal-kompetittività[22]. Barra mill-Istati Membri vulnerabbli taż-Żona tal-Euro, li qed jimplimentaw programm ta' aġġustament ekonomiku appoġġat minn għajnuna finanzjarja, il-ħtiġijiet ta' riforma huma l-akbar pajjiżi li qed jesperjenzaw żbilanċi eċċessivi fis-sens tal-MIP (l-Italja u s-Slovenja[23]) jew żbilanċi li jirrikjedu azzjoni politika deċiżiva (Franza, l-Irlanda u Spanja[24]). B'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill liż-Żona tal-Euro, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tniedi monitoraġġ speċifiku tal-implimentazzjoni tal-politika f'dawn l-Istati Membri.

Għal valutazzjoni dettaljata tal-impatt ta' politiki strutturali konkreti fuq l-attività ekonomika, ara "Market Reforms at Work", *European Economy*, 2014(5). Dan juri li l-impatt potenzjali ta' selezzjoni ta' riformi tas-suq simili f'erba' mill-aktar ekonomiji vulnerabbli tal-Ewropa: l-Italja, il-Greċja, il-Portugall u Spanja jista' jkun sinifikanti, u li l-isforzi ta' riforma f'dawn il-pajjiżi jidhru li bdew ikollhom effett pożittiv. Kemm l-isforzi ta' riforma u l-effettività tagħhom jidhru li jvarjaw bejn l-erba' pajjiżi, bi Spanja turi l-aktar sinjali b'saħħithom li r-riformi qed jibdew iħallu l-frott, segwita mill-Portugall, filwaqt li l-Italja u l-Greċja jidhru li għadhom lura[25].

Jitnaqqas il-porzjon ta' taxxa

Il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol fiż-Żona tal-Euro huwa relattivament għoli, li huwa ta' piż fuq l-attività ekonomika u l-impjiegi. Fl-2014, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) lil diversi Stati Membri taż-Żona tal-Euro biex jindirizzaw din il-kwistjoni. Barra minn hekk, iż-Żona tal-Euro kollha kemm hi nħarġitilha Rakkomandazzjoni biex "…twettaq regolarment diskussjonijiet tematiċi dwar riformi strutturali fis-swieq tax-xogħol u tal-prodotti b'konsegwenzi potenzjalment kbar, billi tikkonċentra fuq it-tnaqqis tal-porzjon ta' taxxa kbir fuq l-impieg u r-riforma tas-swieq tas-servizzi".

B'segwitu għal din ir-Rakkomandazzjoni, il-Grupp tal-Euro ddiskuta l-porzjon għoli tat-taxxa fuq ix-xogħol fiż-Żona tal-Euro f'Lulju u f'Settembru ta' din is-sena. Huwa esprima l-impenn tiegħu biex effettivament inaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol fiż-Żona tal-Euro u adotta għadd ta' prinċipji komuni għal riformi f'dan il-qasam, partikolarment b'rabta mad-disinn tagħhom, il-finanzjament

[22] Għal indikaturi sintetiċi fuq il-konformità mar-rakkomandazzjoni ta' politika, ara Deroose, S. u J. Griesse, "Implementing Economic Reforms – Are EU Member States Responding to European Semester Recommendations?", *ECFIN Economic Brief*, 2014(37).

[23] Barra miż-Żona tal-Euro, il-Kummissjoni identifikat ukoll lill-Kroazja bħala pajjiż li qed jesperjenza żbilanċi eċċessivi.

[24] Barra miż-Żona tal-Euro, il-Kummissjoni identifikat ukoll lill-Ungerija bħala pajjiż li qed jesperjenza żbilanċi li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva.

[25] Għal stimi tal-impatt potenzjali ta' serje ta' riformi tas-suq f'ċerti ekonomiji, ara "Market Reforms at Work", *European Economy*, 2014(5). Għal valutazzjonijiet aktar dettaljati tar-riformi settorjali ara Turrini A. et al. "A Decade of Labour Market Reforms in the EU", *European Economy-Economic Papers*, 522; Lorenzani, D. u J. Varga, "The Economic Impact of Digital Structural Reforms", *European Economy-Economic Papers*, 529; Lorenzani, D u F. Lucidi, "The Economic Impact of Civil Justice Reforms", *European Economy-Economic Papers*, 530; Connell, W. "Economic Impact of Late Payments", *European Economy-Economic Papers*, 531; Ciriaci, D. "Business Dynamics and Red Tape Barriers", *European Economy-Economic Papers*, 532, u Canton E. *et al*. "The Economic Impact of Professional Services Liberalisation", European Economy-Economic Papers, 533.

tagħhom, il-kuntest ta' politika usa' u l-appoġġ politiku u soċjali. Huwa ssottolinja l-importanza ta' aktar ħidma f'dan il-qasam, inkluż permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki.

Porzjon għoli tat-taxxa fuq ix-xogħol waħdu, jew flimkien mas-sistema ta' benefiċċju, jista' joħloq nases tal-qgħad jew inattività[26]. Jekk jiżdied id-distakk bejn il-kostijiet tax-xogħol u l-paga netta, it-taxxi għoljin fuq ix-xogħol inaqqsu d-domanda għax-xogħol u jnaqqsu l-provvista tax-xogħol. Dawn l-effetti jistgħu jkunu partikolarment sinifikanti għal ħaddiema bi ftit ħiliet u dawk bi dħul baxx, u jistgħu jinteraġixxu ma' karatteristiċi oħra tas-suq tax-xogħol bħall-paga minima. Jekk il-piż tat-taxxa jitqiegħed lil hinn mix-xogħol, il-provvista tax-xogħol tiġi stimulata billi jitnaqqsu d-diżinċentivi għax-xogħol u tiżdied id-domanda għax-xogħol billi jitnaqqsu l-kostijiet tax-xogħol tal-kumpaniji. Inqas tassazzjoni fuq ix-xogħol tikkontribwixxi wkoll għall-profittabbiltà tal-kumpaniji, li mbagħad iżżid il-qligħ fuq il-kapital u l-inċentivi għall-investiment. Għal bosta Stati Membri taż-Żona tal-Euro, il-ħtieġa li jitnaqqsu l-kostijiet tax-xogħol għajr il-paga hija marbuta wkoll mal-ħtieġa li titjieb il-kompetittività tal-prezzijiet, filwaqt li jiġi evitat tnaqqis fil-paga netta.

Fis-snin ta' qabel il-kriżi, bosta Stati Membri implimentaw riformi strutturali biex jindirizzaw il-porzjon għoli tat-taxxa fuq ix-xogħol. Fil-kuntest tal-kriżi, madankollu, dawn l-isforzi naqsu maż-żmien u ħafna Stati Membri għollew it-taxxi fuq l-introjtu personali jew il-kontribuzzjonijiet soċjali biex jikkontribwixxu għall-konsolidazzjoni. Din it-tendenza ġiet viżwalizzata fil-Grafika A4.1. Fiż-Żona tal-Euro, hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri f'termini tad-daqs tal-porzjon tat-taxxa u l-kompożizzjoni tiegħu kif muri fil-Grafika A4.2 għal ħaddiem waħdu b'paga medja.

L-APB juru għarfien ċar fl-Istati Membri taż-Żona tal-Euro tal-benefiċċji tal-indirizzar tat-taxxi għolja fuq ix-xogħol. Riformi jinsabu għaddejjin madwar iż-Żona tal-Euro. Biex jingħataw tliet eżempji:

- Franza, li rċeviet rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż biex "tieħu azzjoni biex tkompli tnaqqas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem" u biex "tnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol" fakkret fl-APB tagħha li, bħala parti mill-patt ta' responsabbiltà u solidarjetà, għadd ta' miżuri, essenzjalment immirati lejn dawk bi dħul baxx, ġew imħabbra. Mill-2014, il-kreditu tat-taxxa fuq il-kompetittività u l-impjiegi se jnaqqas il-kost tax-xogħol għall-pagi sa 2,5 darba l-paga minima. Il-kost baġitarju ta' din il-miżura se jammonta għal EUR 20 biljun meta tidħol fis-seħħ b'mod sħiħ. Barra minn hekk, il-gvern ħabbar tnaqqis ta' EUR 10 biljun fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa minn min iħaddem sal-2016. Fl-aħħar nett, l-APB jinkludi miżura li tnaqqas it-taxxa fuq l-introjtu personali għall-familji b'pagi baxxi bi EUR 2,7 biljun.
- L-Estonja, li rċeviet CSR biex "ittejjeb l-inċentivi għax-xogħol permezz ta' miżuri immirati lejn dawk bi dħul baxx", inkludiet fl-APB tagħha diversi miżuri biex tnaqqas il-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol b'mod ġenerali: ir-rata tat-taxxa fuq l-introjtu personali se titnaqqas b'punt perċentwali wieħed għal 20 %, il-kontribuzzjoni tal-assigurazzjoni għall-qgħad se titnaqqas għal 2,4 % mir-rata attwali ta' 3 % u d-dħul eżenti mit-taxxa jew il-kwota bażika se jiżdiedu b'7 %.
- Il-Pajjiżi l-Baxxi, li rċevew CSR biex "inaqqsu d-diżinċentivi tat-taxxa fuq ix-xogħol", inkludew fl-APB tagħhom miżuri biex ikomplu jżidu l-kreditu tat-taxxa tal-impjegati.

[26] In-nases tal-qgħad u tal-inattività jirreferu għal diżinċentivi finanzjarji biex wieħed jibda xogħol jew mill-qgħad jew mill-inattività, ikkawżati mill-effetti kkombinati tas-sistemi ta' tassazzjoni u benefiċċji.

Minbarra dan, il-kreditu tat-taxxa tal-impjegati se jiġi orjentat mill-ġdid biex ittejjeb l-inċentivi għax-xogħol għal dawk li għandhom dħul baxx jew medju. Dan l-approċċ jillimita l-kostijiet baġitarji tal-miżura (EUR 500 miljun) filwaqt li jżomm l-effett pożittiv sinifikanti li l-kreditu għandu fuq il-provvista tax-xogħol minn familji bi dħul baxx jew medju. Barra minn hekk, iż-żieda fir-rata tat-taxxa tal-ewwel kategorija tat-taxxa fuq l-introjtu (wara tnaqqis temporanju fl-2014) se tkun aktar baxxa milli prevista fil-ftehim ta' koalizzjoni għal kost baġitarju ta' EUR 475 miljun.

Grafika A4.1: Il-porzjon ta' taxxa taż-Żona tal-Euro ta' ħaddiem waħdu, b'paga medja



Sors: l-OECD u s-servizzi tal-Kummissjoni.
Nota: Il-medja taż-Żona tal-Euro ppreżentata hija l-medja aritmetika sempliċi; dejta reċenti għal Ċipru mhix disponibbli; dejta mill-2012 intużat għal-Latvja u Malta.

Grafika A4.2: Il-porzjon ta' taxxa ta' ħaddiem waħdu, b'paga medja (2013)



Sors: l-OECD u s-servizzi tal-Kummissjoni. SSC = kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali.
Nota: Il-medji tal-UE u ż-Żona tal-Euro ppreżentati huma medji aritmetiċi sempliċi; dejta reċenti għal Ċipru u l-Kroazja mhix disponibbli; dejta mill-2012 intużat għall-Bulgarija, il-Latvija, il-Litwanja, Malta u r-Rumanija.

ANNESS 5: Grafiki u tabelli

Tabella A5.1: Miri ta' defiċit nominali (% tal-PDG) għaż-ŻE-16 skont il-Programmi ta' Stabbiltà (SP), l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) u l-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni (COM)

	2014			2015		
Pajjiż	**PS**	**APB**	**COM**	**PS**	**APB**	**COM**
BE	-2,1	-2,9	-3,0	-1,4	-2,1	-2,8
DE	0,1	0,2	0,2	0,1	0,2	0,0
EE	-0,7	-0,3	-0,4	-0,5	-0,5	-0,6
ES	-5,5	-5,5	-5,6	-4,2	-4,2	-4,6
FR	-3,8	-4,4	-4,4	-3,0	-4,3	-4,5
IE	-4,8	-3,7	-3,7	-3,0	-2,7	-2,9
IT	-2,6	-3,0	-3,0	-1,8	-2,6	-2,7
LV	-1,0	-1,5	-1,1	-0,8	-1,0	-1,2
LU	0,1	0,2	0,2	-0,5	-0,2	-0,4
MT	-2,1	-2,1	-2,5	-1,6	-1,6	-2,6
NL	-2,9	-2,9	-2,5	-2,1	-2,2	-2,1
AT	-2,7	-2,8	-2,9	-1,4	-1,9	-1,8
PT	-4,0	-4,8	-4,9	-2,5	-2,7	-3,3
SI	-4,1	-4,4	-4,4	-2,4	-2,8	-2,9
SK	-2,8	-2,9	-3,0	-2,8	-2,0	-2,6
FI	-2,0	-2,7	-2,9	-1,1	-2,4	-2,6
ŻE-16	**-2,4**	**-2,6**	**-2,6**	**-1,8**	**-2,2**	**-2,4**

Tabella A5.2: Bidliet fil-bilanċ strutturali (% tal-PDG) għaż-ŻE-13 skont il-Programmi ta' Stabbiltà (PS), l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) u l-Previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni (COM)

	2014			2015		
Pajjiż	**PS**	**APB**	**COM**	**PS**	**APB**	**COM**
BE	0,4	0,3	0,1	0,6	0,7	0,4
DE	0,0	-0,1	0,1	-0,2	-0,2	-0,1
EE	0,0	0,9	0,4	0,3	0,1	0,1
ES	0,6	0,4	0,2	0,1	-0,1	-0,2
FR	0,7	0,2	0,3	0,6	0,1	0,1
IE	1,5	0,3	1,0	2,0	1,0	0,4
IT	0,2	-0,3	-0,1	0,4	0,3	0,1
LV	-0,5	-0,5	-0,4	0,0	0,1	-0,2
LU	-0,5	-0,8	-0,9	-1,2	-0,7	-0,7
MT	0,4	0,4	0,0	0,5	0,1	-0,2
NL	-0,1	-0,3	0,1	0,3	0,1	-0,3
AT	0,0	0,3	0,2	0,2	-0,1	0,1
PT	0,5	0,8	0,6	0,8	0,1	-0,3
SI	0,8	-0,4	-0,7	0,6	0,2	0,3
SK	-0,4	-0,6	-0,7	0,3	1,3	0,8
FI	-0,3	-0,4	-0,4	0,4	-0,2	0,0
ŻE-16	**0,3**	**0,0**	**0,1**	**0,3**	**0,1**	**0,0**

Tabella A5.3: Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG (% tal-PDG) għaż-ŻE-16 skont il-Programmi ta' Stabbiltà (PS), l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) u l-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni (COM)

	2014			2015		
Pajjiż	**PS**	**APB**	**COM**	**PS**	**APB**	**COM**
BE	101,2	105,6	105,8	99,4	105,1	107,3
DE	75,8	73,8	74,5	72,6	70,7	72,4
EE	9,8	9,8	9,9	9,3	9,3	9,6
ES	99,5	97,6	98,1	101,7	100,3	101,2
FR	95,6	95,3	95,5	95,6	97,2	98,1
IE	121,4	110,5	110,5	120,0	108,5	109,4
IT	134,9	131,6	132,2	133,3	133,1	133,8
LV	38,8	39,7	40,3	32,9	34,6	36,3
LU	23,3	23,0	23,0	24,0	24,1	24,3
MT	69,4	70,1	71,0	68,5	69,0	71,0
NL	74,6	69,8	69,7	74,7	70,0	70,3
AT	79,2	86,5	87,0	77,6	85,6	86,1
PT	130,2	127,2	127,7	128,7	123,7	125,1
SI	80,9	82,2	82,2	81,1	83,2	82,9
SK	55,2	54,1	54,1	56,2	54,4	54,9
FI	59,8	59,6	59,8	61,0	61,2	61,7
ŻE-16	**94,3**	**92,7**	**93,1**	**93,1**	**92,5**	**93,6**

Tabella A5.4: Tkabbir reali tal-PDG (%) għaż-ŻE-16 skont il-Programmi ta' Stabbiltà (PS), l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) u l-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni (COM)

	2014			2015		
Pajjiż	**PS**	**APB**	**COM**	**PS**	**APB**	**COM**
BE	1,4	1,1	0,9	1,8	1,5	0,9
DE	1,8	1,8	1,3	2,0	2,0	1,1
EE	2,0	1,5	1,9	3,5	2,5	2,0
ES	1,2	1,3	1,2	1,8	2,0	1,7
FR	1,0	0,4	0,3	1,7	1,0	0,7
IE	2,1	4,7	4,6	2,7	3,9	3,6
IT	0,8	-0,3	-0,4	1,3	0,6	0,6
LV	4,0	2,9	2,6	4,0	2,8	2,9
LU	3,2	2,8	3,0	3,2	2,7	2,4
MT	2,3	3,0	3,0	2,1	3,5	2,9
NL	0,8	0,7	0,9	1,3	1,3	1,4
AT	1,7	0,8	0,7	1,7	1,2	1,2
PT	1,2	1,0	0,9	1,5	1,5	1,3
SI	0,5	2,0	2,4	0,7	1,6	1,7
SK	2,3	2,4	2,4	3,0	2,6	2,5
FI	0,5	0,0	-0,4	1,4	1,2	0,6
ŻE-16	**1,3**	**1,0**	**0,8**	**1,7**	**1,5**	**1,1**

Tabella A5.5: Kompożizzjoni tal-konsolidazzjoni fiskali fl-2014 u fl-2015 għaż-ŻE-16 skont il-Programmi ta' Stabbiltà (PS), l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB), u l-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni (COM)

% tal-PDG potenzjali sakemm mhux speċifikat mod ieħor	2014			2015		
	PS	**APB**	**COM**	**PS**	**APB**	**COM**
Proporzjon ta' dħul aġġustat ċiklikament	46,9	46,7	46,8	46,7	46,5	46,8
bidla f'punti perċentwali b'relazzjoni mas-sena ta' qabel	0,0	0,1	0,2	-0,1	-0,1	0,0
Proporzjon ta' nefqa aġġustat ċiklikament	47,8	47,9	48,0	47,5	47,7	48,0
bidla f'punti perċentwali b'relazzjoni mas-sena ta' qabel	-0,3	0,1	0,2	-0,3	-0,2	0,0
Tibdil fil-bilanċ strutturali	0,3	0,0	0,1	0,3	0,1	0,0

Tabella A5.6: Elastiċitajiet fuq medda qasira ta' żmien li jsostnu l-previżjonijiet ta' dħul għall-2015 fiż-ŻE-16: Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) mqabbla mal-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni (COM) u l-OECD

Pajjiż	APB	COM	OECD
BE	0,7	1,0	1,0
DE	0,8	1,0	1,0
EE	1,2	1,4	1,1
ES	0,1	1,1	1,0
FR	1,0	1,1	1,0
IE	0,7	0,4	1,1
IT	1,5	1,5	1,1
LV	0,1	1,0	0,9
LU	0,2	1,0	1,0
MT	0,7	1,2	1,0
NL	0,7	1,3	1,1
AT	0,9	1,1	1,0
PT	1,5	0,6	1,0
SI	-1,5	0,1	1,0
SK	-0,1	1,0	1,0
FI	0,7	0,8	0,9

ŻE-16	**0,8**	**1,0**	**1,0**

Nota: il-paragun bejn l-elastiċitajiet derivati mill-APB u l-previżjoni tal-Kummissjoni, minn naħa, u l-elastiċitajiet tal-OECD, min-naħa l-oħra, għandu jsir b'attenzjoni. Filwaqt li l-ewwel tnejn huma elastiċitajiet netti għat-tkabbir tal-PDG, dawn tal-aħħar huma, strettament, maħduma fir-rigward tal-lakuna tal-produzzjoni. Id-differenzi huma ġeneralment minuri.

Tabella A5.7: L-isforz fiskali mkejjel bħala s-somma ta' miżuri diskrezzjonali tad-dħul mingħajr il-bidla fil-proporzjon tan-nefqa aġġustat ċiklikament: Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) mqabbla mal-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni (COM) u l-Programmi ta' Stabbiltà (PS)

	2014			**2015**		
Pajjiż	**PS**	**APB**	**COM**	**PS**	**APB**	**COM**
BE	1,5	0,8	0,5	0,5	0,8	0,2
DE	0,5	0,2	0,2	0,2	0,2	-0,1
EE	0,3	0,3	0,0	-0,2	-0,7	-0,5
ES	1,1	0,6	0,1	0,2	0,1	-0,1
FR	0,8	-0,1	0,1	0,4	-0,1	0,0
IE	2,3	1,1	1,3	2,0	1,1	1,2
IT	0,1	0,1	0,0	0,1	-0,1	-0,5
LV	0,8	-0,7	-0,1	1,7	2,0	-0,2
LU	0,6	-0,3	-0,6	0,4	-0,1	-0,7
MT	-0,3	-0,2	-0,8	0,3	-0,1	-0,6
NL	0,8	0,6	-0,1	0,4	0,5	-0,6
AT	-1,1	-1,4	-1,4	1,5	0,9	0,8
PT	0,7	0,2	-0,5	0,5	1,1	1,3
SI	10,4	10,0	9,8	2,9	2,2	1,7
SK	1,1	1,7	0,5	1,1	1,9	0,4
FI	-0,2	-0,1	-0,5	0,6	-0,1	0,2
ŻE-16	**0,6**	**0,2**	**0,1**	**0,4**	**0,2**	**-0,1**

Grafika A5.1a: Tibdil previst fil-proporzjonijiet ta' nefqa għall-2015 fiż-ŻE-16: Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) mqabbla mal-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni (COM)



Il-grafika turi l-bidliet fil-proporzjonijiet tan-nefqa l-(lhs) bejn l-2014 u l-2015 u l-proporzjonijiet fl-2015 (rhs).

Grafika A5.1b: It-tibdil previst fil-proporzjonijiet tad-dħul għall-2015 fiż-ŻE-16: Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) mqabbla mal-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni (COM)



Il-grafika turi l-bidliet fil-proporzjonijiet tad-dħul (lhs) bejn l-2014 u l-2015 u l-proporzjonijiet fl-2015 (rhs).

Grafika A5.2: Bidliet previsti fit-tipi ewlenin ta' nfiq (% tal-PDG) għall-2015 fiż-ŻE-16: Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) mqabbla mal-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni (COM)



Il-grafika turi l-kontribuzzjonijiet mill-elementi ewlenin ta' nefqa għat-tibdiliet previsti fil-proporzjonijiet ta' nefqa mal-PDG.

Grafika A5.3: Bidliet previsti fit-tipi ewlenin ta' dħul mit-taxxa (% tal-PDG) għall-2015 fiż-ŻE-16: Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) mqabbla mal-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni (COM)



Il-grafika turi l-kontribuzzjonijiet mill-komponenti ewlenin ta’ dħul għall-bidliet previsti fil-proporzjonijiet tad-dħul mal-PDG.

Grafika A5.4: Paragun ta' bilanċ nominali tal-gvern (% tal-PDG) kif previst għall-2015 mill-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni 2014 (COM) u mill-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB)



Il-grafika turi l-bilanċi nominali tal-baġit tal-2015 mill-previżjoni tal-Kummissjoni (l-assi orizzontali) kontra dawk ippjanati fl-APB (l-assi vertikali). L-Istati Membri 'l fuq (taħt) il-linja bi-settur huma dawk fejn il-Kummissjoni tipprevedi bilanċ nominali ogħla (iktar baxx) mill-APB.

Grafika A5.5: Dekompożizzjoni tad-differenza fil-miri tad-dejn (% tal-PDG) għall-2015 bejn il-previżjoni tal-ħarifa tal-2014 tal-Kummissjoni u l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji



Il-grafika tesprimi d-differenzi previsti fil-proporzjonijiet ta' dejn mal-PDG f'differenzi f'effetti bażi, bilanċi primarji, aġġustamenti bejn il-fondi u l-flussi u effetti valanga. L-effett valanga jirrappreżenta d-differenza bejn ir-rati ta' tkabbir imbassra u r-rati tal-imgħax.